# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru: 1**

**Rikors Maħluf Numru 814/2014 NC**

**Dr. Shaheryar Ghaznavi (K.I. Numru 219698 M) fil-kapaċita' tiegħu ta' prokuratur speċjali tad-Dipartiment tal-Litigazzjoni tal-Istat tal-Libja in rappreżentanza tal-Istat tal-Libja**

**vs.**

**Dr. Simon Micallef Stafrace u l-P.L. Peter Paul Sammut li b'digriet tad-9 ta' Ottubru, 2014 ġew appuntati Kuraturi Deputati biex jirrapreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Mutassam Gaddafi magħruf ukoll bħala Mutassim Billah Abuminyar Gaddafi, li hu magħruf ukoll bħala Muatasimbllah Muammar Abuminyar, Muatassim Qadhafi, Moatassam Ghaddafi li hu magħruf ukoll bħala Dr. Muatasimballah Abumi, detentur tal-Passaport Libjan bin-numru B/001897 u b'digriet tas-27 ta' Frar, 2015 l-Avukat Charilos Oikonomopoulos (K.I. Griega X029041) assuma l-atti ta' dawn il-proċeduri fil-kapaċita' tiegħu ta' mandatarju speċjali ta' Safiya Ferkash Mohammed (K.I. tal-Oman 9866491) bħala waħda mill-eredi preżunti ta' Mutassam Gaddafi, u limitatament sa fejn kienu qegħdin jirrappreżentaw l-interessi tal-imsemmija Safiya Ferkash Mohammed bħala waħda mill-eredi preżunti ta'**

**Mutassam Gaddafi, il-ħatra tal-kuraturi deputati Dr. Simon Micallef Stafrace u l-P.L. Peter Paul Sammut ġiet revokata *contrario imperio***

**u**

**Capital Resources Limited (C 50047) għal kwalsiasi interess li għandha jew li jista' jkollha fil-proċeduri odjerni u b'Nota tal-20 ta' Marzu 2015, Dr. Charilos Oikonomopoulos assuma l-atti f'isem Capital Resources Limited bħala Kuratur Deputat**

Illum 28 ta' Ġunju 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attur Dr. Shaheryar Ghaznavi fil-kapaċita' tiegħu ta' prokuratur speċjali tad-Dipartiment tal-Litigazzjoni tal-Istat tal-Libja in rappreżentanza tal-Istat tal-Libja (Vol. I: *a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fis-17 ta' Settembru 2014 li jaqra hekk:

*"1. Illi, fis-sena elfejn u tnax (2012) il-Gvern ta' l-Istat tal-Libja, wettaq eżerċizzju sabiex jidentifika u jirkupra fondi, assi finanzjarji oħra u riżorsi ekonomiċi li kienu ġew miksuba abbużivament jew li kienu qegħdin jiġu miżmuma abbużivament minn persuni li kienu assoċjati direttament jew indirettament mat-tmexxija tal-ex regim Libjan;*

*2. Illi l-Gvern tal-Istat tal-Libja ta struzzjonijiet lill-Avukat Ġenerali tal-Istat tal-Libja sabiex jikkopera ma' Awtoritajiet Ġudizzjarji barranin sabiex jidentifika tali fondi, assi finanzjarji oħra u riżorsi ekonomiċi, u dan ai termini tal-Mutual Legal Assistance Treaties on Criminal Matters (MLAT);*

*3. Illi l-Gvern tal-Istat tal-Libja ta s-setgħa lill-Kap tad-Dipartiment tal-Litigazzjoni tal-Istat tal-Libja sabiex ikun jista' jistitwixxi dawk l-azzjonijiet neċessarji f'ġurisdizzjonijiet esteri fejn tali fondi, assi finanzjarji oħra u riżorsi ekonomiċi ikunu jinsabu, bl-għan illi dawn ikunu jistgħu jiġu restitwiti lill-Istat*

*tal-Libja, u dan skont il-Liġi 87 tal-1971, permezz ta' liema l-Kap tad-Dipartiment tal-Litigazzjoni huwa awtorizzat jaġixxi f'isem l-Istat tal-Libja fi kwalsiasi litigazzjoni ta' natura ċivili li tkun tikkonċerna l-Istat tal-Libja, u dan kemm ġewwa l-Libja, u kif ukoll barra mil-Libja;*

*4. Illi, l-konvenut Mutassim Gaddafi okkupa l-kariga ta' Uffiċjal fl-Armata Libjana u dik ta' Konsulent tas-Sigurta' Nazzjonali mis-sena elfejn u tmienja (2008) sas-sena elfejn u ħdax (2011); huwa kien ir-raba' iben ta' l-ex mexxej Libjan, il-mejjet Muammar Gaddafi, u membru taċ-ċirku ġewwieni ta' missieru; fatt li huwa rikonoxxut minn Nazzjonijiet Uniti tramite Riżoluzzjoni Numru 1970 tas-sena elfejn u ħdax (2011) li ġiet addottata mill-Kunsill tas-Sigurta' tan-Nazzjonijiet Uniti fis-26 ta' Frar, 2011, liema riżoluzzjoni saret tifforma parti mil-Ligijiet ta' Malta permezz tal-Avviż Legali 69 tal-2011;*

*5. Illi s-soċjeta' konvenuta, Capital Resources Ltd., hija kumpanija reġistrata Malta bħala soċjeta' b'membru wieħed, bl-azzjonist uniku tagħha persuna ta' nazzjonalita' Libjana bl-isem ta' Muatasmbllah Muammar Abuminyar li fil-fatt huwa Mutassim Gaddafi;*

*6. Illi jirriżulta li l-konvenut Mutassim Gaddafi kellu diversi karti ta' kreditu maħruġa minn jew tramite Bank of Valletta plc;*

*7. Illi l-konvenut Mutassim Gaddafi miet fl-għoxrin (20) t'Ottubru, elfejn u ħdax (2011) f'Misrata ġewwa l-Libja (vide d-dokument anness u mmarkat SOL 1);*

*8. Illi, l-konvenut Mutassim Gaddafi, tul il-karriera professjonali tiegħu u ċioé mill-2008 sa l-2011, kien jokkupa l-kariga ta' Uffiċjal ta' l-Armata Libjana u dik ta' Konsulent tas-Sigurta' Nazzjonali, għal liema karigi kien uffiċjalment jitħallas is-somma ta' erbgħa u sittin elf u tmin mitt Dinar (LYD 64,800) kull sena li huma ekwivalenti għal sebgħa u tletin elf u ħames mitt ewro (€37,500), u dan ai termini tal-Artikolu 49 tal-Liġi Marzjali Numru 40 tal-1974, tal-Ligijiet ta' l-Istat tal-Libja;*

*9. Illi, minn informazzjoni miġbura mill-Avukat Ġenerali tal-Istat tal-Libja tramite l-MLATs surriferiti, jidher biċ-ċar illi s-soċjeta' konvenuta żammet assi ferm aktar mill-ammonti li setgħu qatt ikunu leġittimament gwadanjati mill-konvenut Mutassim Gaddafi, u allura bi ksur ta' l-Artikolu 54 tal-Liġi Marzjali Numru 40 tal-1974, tal-Ligijiet ta' l-Istat tal-Libja, liema Artikolu tal-Liġi jipprojbixxi uffiċjali tal-Armata Libjana minn 'engaging in any business activities';*

*10. Illi, ai termini ta' l-Artikolu 1 tal-Liġi Numru 3 tal-1970 tal-Ligijiet ta' l-Istat tal-Libja, l-uffiċjali kollha tal-Forzi Armati huma meħtieġa li jiddikjaraw l-assi tagħhom, u tali '...disclosure shall show his movable and immovable assets and mainly the stocks, bonds, shares and deposits at the banks, insurance policies, moneys, and precious stones and metals, and those of his spouse and minor children as well as his and their financial obligations at the aforementioned date'. In oltre l-Artikolu 4 ta' l-istess liġi jgħid illi kwalsiasi tkabbir fl-assi finanzjarji ddikjarati ai termini tal-Artikolu 1, liema tkabbir ma jkunx kompatibbli mas-sorsi finanzjarji tad-dikjarant, jew jekk id-dikjarant ma jirnexxilux jipprova s-sors ta' tali tkabbir, jew jekk ikun ippruvat illi tali tkabbir sar b'mod abbużiv, direttament jew indirettament, tramite l-pożizzjoni, professjoni, servizz jew stat tad-dikjarant, tali tkabbir għandu jitqies bħala tkabbir illeċitu;*

*11. Illi l-konvenut Mutassim Gaddafi, naqas milli jagħmel dawk id-dikjarazzjonijiet kif rikjesti ai termini tal-Liġi Numru 3 tal-1970 tal-Liġijiet ta' l-Istat tal-Libja;*

*12. Illi ai termini tal-Liġi Marzjali 40 tal-1974, l-uffiċjali kollha tal-Forzi Armati Libjani ma jistgħux iżommu investimenti ta' kwalsiasi tip tul l-impjieg tagħhom fl-istess korp;*

*13. Illi l-assi miżmuma mis-soċjeta' konvenuta bl-ebda mod ma jirriflettu l-livell ta' dħul li seta' jiġi ggwadanjat b'mod leġittimu mill-konvenut Mutassim Gaddafi, u fi kwalsiasi każ, l-ishma miżmuma mill-konvenut Gaddafi fis-soċjeta' konvenuta kienu miżmuma abbużivament u bi ksur tal-Liġi Marzjali 40 tal-1974;*

*14. Illi ai termini tal-Liġi Numru 3 ta' l-1970, l-Istat tal-Libja għandu d-dritt jitlob għar-restituzzjoni ta' tali fondi, assi finanzjarji oħrajn u riżorsi ekonomiċi ottenuti b'mod abbużiv kontra l-interessi ta' l-Istat tal-Libja jew miżmuma abbużivament minn uffiċjali li huma projbiti milli jżommu tali assi;*

*15. Illi jirrizulta illi l-assi li kienu miżmuma minn Mutassim Gaddafi f'Malta, kienu miżmuma bi ksur tal-Liġijiet tal-Istat tal-Libja;*

*16. Illi abbużi simili minn membri oħra taċ-ċirku ġewwieni tar-reġim ta' Gaddafi diġa' ġew rikonoxxuti ġudizzjarjament minn qrati ta' ġurisdizzjonijiet differenti, fejn il-qrati irrikonoxxew illi r-reġim ta' Gaddafi u l-membri taċ-ċirku ġewwieni ta' l-istess kienu qed iżommu assi appartenenti lill-Istat tal-Libja bħala trust u illi tali assi kellhom jiġu restitwiti lill-Istat tal-Libja [vide d-dokument anness u mmarkat SOL 2];*

*17. Illi s-soċjeta' intimata hija reġistrata ġewwa Malta u żżomm assi unikament u b'mod esklussiv ġewwa Malta, u għalhekk l-attur kellu jistitwixxi dawn il-proċeduri fil-konfront tal-konvenuti f'Malta ai termini ta' l-Artikolu 742(1)(ċ) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Jgħidu għalhekk il-konvenuti għalfejn din l-Onorabbli Qorti m'għandiex:*

*1. Previa kwalsiasi dikjarazzjoni oħra li talvolta tista' tkun meħtieġa u neċessarja, tiddikjara illi l-fondi, assi finanzjarji oħra u riżorsi ekonomiċi li jappartjenu lill-intimat Mutassam Gaddafi sive Mutassim Billah Abuminyar Gaddafi sive Muatasimbllah Muammar Abuminyar, Muatassim Qadhafi, Moatassam Ghaddafi, sive Dr. Muatasimballah Abumi, f'ismu jew f'isem terzi, u li jinsabu f'Malta, kienu miżmuma bi ksur tal-obbligazzjonijiet imposti fuq l-istess intimat mill-Liġijiet tal-Istat tal-Libja u konsegwentement huma suġġetti għar-restituzzjoni lill-Istat tal-Libja;*

*2. Tordna r-restituzzjoni tal-assi li kienu miżmuma mill-intimat Mutassam Gaddafi sive Mutassim Billah Abuminyar Gaddafi*

*sive Muatasimbllah Muammar Abuminyar, Muatassim Qadhafi, Moatassam Ghaddafi, sive Dr. Muatasimballah Abumi, f'ismu jew f'isem terzi, u li jinsabu f'Malta, lill-Istat tal-Libja;*

*3. Tordna u tawtorizza t-trasferiment tal-ishma fis-soċjeta' intimata Capital Resources Limited (C 50047) mid-detenturi attwali a favur ta' rappreżentant tal-Istat tal-Libja;*

*4. Tinnomina kuratur sabiex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi, u jidher fuq kwalsiasi ftehim rilevanti, dokumentazzjoni ufficjali u/jew formoli ufficjali biex jirrappreżenta kwalsiasi parti li tista' tkun assenti kull fejn jirrigwarda materji relatati mat-trasferiment tal-ishma tas-soċjeta' intimata.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni".*

Rat ir-Risposta ta' l-Avukat Simon Micallef Stafrace u l-P.L. Peter Paul Sammut li b'digriet tad-9 ta' Ottubru 2014 ġew appuntati kuraturi deputati biex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Mutassam Gaddafi (Vol. I: *a fol.* 74 *et seq.*) ippreżentata fid-29 ta' Ottubru 2014 fejn jingħad hekk:

*"Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u għalhekk qegħdin jirriżervaw d-dritt illi jippreżentaw risposta motivata f'każ u jekk jiġu edotti mill-fatti.*

*Salv risposta ulterjuri."*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut l-Avukat Charilos[1] Oikonomopoulos fil-kapaċita' tiegħu ta' mandatarju speċjali ta' Safiya Ferkash Mohammed (Vol. II: *a fol.* 167 *et seq.*) ippreżentata fit-18 ta' Marzu 2015 li tgħid hekk:

*"By way of preliminary pleas:*

[1] Fir-Risposta Maħlufa ismu ġie miktub hekk: "Charilaos".

*1. In the first instance, this Honourable Court does not have jurisdiction to hear and decide the cause in terms of the provisions of Article 742 of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12 of the Laws of Malta) since the cause of action as postulated by the claimant against the defendant does not fall within any of the heads of jurisdiction as contemplated in Article 742 of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12 of the Laws of Malta) which determines on which basis this Court can seize jurisdiction;*

*2. In the second instance and also preliminarily and subordinate to the above, the claimant must prove to this Honourable Court that the mandate by the 'State of Libya', has been validly and legitimately granted in favor of Dr. Shaheryar Ghaznavi (Identity Card Number 219698M) and that the latter has been duly authorized to represent the plaintiff, the 'State of Libya', in these proceedings;*

*3. In the third instance and also preliminarily and subordinate to the above, the claimant must prove to this Honourable Court that the present action is being pursued by the governmental authorities representing the 'State of Libya', then additional proof must be provided with regards to the fact that the claimant, at all relevant times, enjoyed the status of a 'State' at international law level and in the absence of such satisfactory proof the defendant should be declared non-suited as a party to these proceedings;*

*4. In the fourth instance, and also preliminarily, and without prejudice to the above, the onus is on the claimant to produce proof of the Laws of Libya, which are being invoked in these proceedings. Given the vagueness in which the sworn application has been drafted, the defendant reserves his right to put forward further pleas on the applicable law, including producing evidence on the applicable law of Libya and any military regulations;*

*5. In the fifth instance and also preliminarily and subordinately to the above, the action as presented by the court application in question is time-barred in accordance to Article 2153 of Chapter*

*16 (Civil Code) of the Laws of Malta as Mutassam Gaddafi aka Mutassim Billah Abuminyar Gaddafi aka Muatassimbllah Muammar Abuminyar, Muatassim Qadhafi, Moatassam Ghaddafi aka Dr. Muatasimballah Abumi was shot on the 20th. of October 2011 as certified in the death certificate presented by the plaintiff together with the court application;*

*On the merits:*

*6. That subordinately to the above and as shall be amply proved throughout the proceedings, it is manifestly untrue and unfounded on both fact and law that Mutassam Gaddafi aka Mutassim Billah Abuminyar Gaddafi aka Muatassimbllah Muammar Abuminyar, Muatassim Qadhafi, Moatassam Ghaddafi aka Dr. Muatasimballah Abumi engaged in any illegal business activity under Libyan Law or any other applicable law which rendered 'moveable and immoveable assets' of whatever nature and which were gained abusively, directly or indirectly through his position, profession, service or status as a Libyan Army Officer and National Security Advisor. Any allegation of abuse and wrongdoing is categorically denied;*

*7. That for all intents and purposes, it is being observed that the Mutual Legal Assistance Treaties on Criminal Matters (MLAT) specifically between Malta and Libya with the purpose of gathering and exchanging information and identifying funds, financial assets and economic resources has not yet been enacted and does not form part of Laws of Malta;*

*8. That the defendant is aware of the judgment, a copy of which has been filed by the plaintiff, delivered by the High Court of Justice (Commercial Court) (2012) dated 9th. March 2012 in the names of the State of Libya and Capitana Seas and makes reference to the fact that the defendant in this case is not Saadi Qadhafi (still living) and the merits of the case in question do not relate to immovable property situated in London. Therefore it is being stated that reference to the above-mentioned case is completely irrelevant and is simply a mere attempt to influence the Court with unrelated information involving the deceased's siblings;*

*9. That all and any allegations made by the plaintiff as duly represented must be proved in the matter required by law;*

*10. That independently of the above, the claims put forward by the claimant are unfounded in fact and at law;*

*11. Save additional and ulterior pleas according to law.*

*Therefore the defendant requests, with respect, that this Honourable Court rejects the pleas submitted by the above mentioned application, with costs against the plaintiff".*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut l-Avukat Charilos[2] Oikonomopoulos li b'digriet tal-20 ta' Marzu 2015 ġie appuntat Kuratur Deputat għal u in rappreżentanza ta' Capital Resources Limited (Vol. II: *a fol.* 202 *et seq.*) ippreżentata fil-25 ta' Marzu 2015 li taqra hekk:

*"By way of preliminary pleas:*

*1. In the first instance, this Honourable Court does not have jurisdiction to hear and decide the cause in terms of the provisions of Article 742 of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12 of the Laws of Malta) since the cause of action as postulated by the claimant against the defendant does not fall within any of the heads of jurisdiction as contemplated in Article 742 of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12 of the Laws of Malta) which determines on which basis this Court can seize jurisdiction;*

*2. In the second instance and also preliminarily and subordinate to the above, the claimant must prove to this Honourable Court that the mandate by the 'State of Libya', has been validly and legitimately granted in favor of Dr. Shaheryar Ghaznavi (Identity Card Number 219698M) and that the latter has been duly authorized to represent the plaintiff, the 'State of Libya', in these proceedings;*

[2] *Ibid.*

*3. In the third instance and also preliminarily and subordinate to the above, the claimant must prove to this Honourable Court that the present action is being pursued by the governmental authorities representing the 'State of Libya', as duly recognised in accordance with International Law, then additional proof must be provided with regards to the fact that the claimant, at all relevant times, enjoyed the status of a 'State' at international law level and in the absence of such satisfactory proof the defendant should be declared non-suited as a party to these proceedings;*

*4. In the fourth instance, and also preliminarily, and without prejudice to the above, the onus is on the claimant to produce proof of the Laws of Libya, which are being invoked in these proceedings. Given the vagueness in which the sworn application has been drafted, the defendant reserves his right to put forward further pleas on the applicable law, including producing evidence on the applicable law of Libya and military regulations;*

*5. In the fifth instance and also preliminarily and subordinately to the above, the action as presented by the court application in question is time-barred in accordance to Article 2153 of Chapter 16 (Civil Code) of the Laws of Malta as Mutassam Gaddafi aka Mutassim Billah Abuminyar Gaddafi aka Muatassimbllah Muammar Abuminyar, Muatassim Qadhafi, Moatassam Ghaddafi aka Dr. Muatasimballah Abumi was shot on the 20th. of October 2011 as certified in the death certificate presented by the plaintiff together with the court application;*

*On the merits:*

*6. That subordinately to the above and as shall be amply proved throughout the proceedings, it is manifestly untrue and unfounded on both fact and law that Mutassam Gaddafi aka Mutassim Billah Abuminyar Gaddafi aka Muatassimbllah Muammar Abuminyar, Muatassim Qadhafi, Moatassam Ghaddafi aka Dr. Muatasimballah Abumi and/or Capital Resources Ltd. engaged in any illegal business activity under Libyan Law or any other applicable law which rendered 'moveable and immoveable assets' of whatever nature and which*

*were gained abusively, directly or indirectly through his position, profession, service or status as a Libyan Army Officer and National Security Advisor. Any allegation of abuse and wrongdoing is categorically denied;*

*7. That for all intents and purposes, it is being observed that the Mutual Legal Assistance Treaties on Criminal Matters (MLAT) specifically between Malta and Libya with the purpose of gathering and exchanging information and identifying funds, financial assets and economic resources has not yet been enacted and does not form part of Laws of Malta;*

*8. That the defendant is aware of the judgment, a copy of which has been filed by the plaintiff, delivered by the High Court of Justice (Commercial Court) (2012) dated 9th. March 2012 in the names of the State of Libya and Capitana Seas and makes reference to the fact that the defendant in this case is not Saadi Qadhafi (still living) and the merits of the case in question do not relate to immovable property situated in London. Therefore it is being stated that reference to the above-mentioned case is completely irrelevant and is simply a mere attempt to influence the Court with unrelated information involving the deceased's siblings;*

*9. That all and any allegations made by the plaintiff as duly represented must be proved in the matter required by law;*

*10. That independently of the above, the claims put forward by the claimant are unfounded in fact and at law;*

*11. Save additional and ulterior pleas according to law.*

*Therefore the defendant requests, with respect, that this Honourable Court rejects the pleas submitted by the above mentioned application, with costs against the plaintiff".*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat, fost l-oħrajn, in-Nota ta' l-Avukat Ġenerali ta' Malta ppreżentata fit-23 ta' Jannar 2015 fejn inġiebet għall-attenzjoni tal-

Qorti l-komunika li l-uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali ta' Malta kien irċieva mill-*United Nations Panel of Experts on Libya*, li ġie kkostitwit *ai termini* tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurta' tan-Nazzjonijiet Uniti 1973 (2011), liema Riżoluzzjoni ġiet estiża bir-Riżoluzzjoni 2144 (2014). Dan il-*Panel of Experts* li ġie mogħti l-inkarigu bir-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurta' tan-Nazzjonijiet Uniti 2144 (2014) u 2146 (2014) biex jassisti lis-*Security Council's Libya Sanctions Committee* fit-twettiq tal-mandat tiegħu, informa lill-uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali ta' Malta li:

> *"property under claim, the company and assets known as Capital Resources Ltd., wholly owned by Muatassim Qadhafi, and any other assets belonging to him, should remain frozen in accordance with the asset freeze measure. Likewise assets owned or controlled by Mrs. Mohammed/Al-Barassi should be frozen in accordance with the said measure".*[3]

Rat is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-23 ta' Ottubru 2017 (Vol. IV: *a fol.* 814 *et seq.*) fejn ġew miċħuda l-ewwel tliet eċċezzjonijiet ta' l-Avukat Charilos Oikonomopoulos *nomine*.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attur *nomine* (Vol. VI: *a fol.* 1505 *et seq.*) ippreżentata fid-9 ta' Diċembru 2021.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' Dr. Simon Micallef Stafrace u l-P.L. Peter Paul Sammut nominati b'digriet tad-9 ta' Ottubru 2014 bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Mutassam Gaddafi (Vol. VI: *a fol.* 1536 *et seq.*) ippreżentata fid-9 ta' Frar 2022.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-Avukat Charilos Oikonomopoulos bħala mandatarju speċjali ta' Safiya Ferkash Mohammed u bħala kuratur deputat ta' Capital Resources Limited (Vol. VI: *a fol.* 1541 *et seq.*) ippreżentata fil-11 ta' Frar 2022.

[3] Vol. II: *a fol.* 183.

Rat ir-Replika ppreżentata mill-attur *nomine* (Vol. VI: *a fol.* 1568 *et seq.*) ippreżentata fl-1 ta' Marzu 2022.

Rat il-Kontro-Replika ta' l-Avukat Charilos Oikonomopoulos bħala mandatarju speċjali ta' Safiya Ferkash Mohammed u bħala kuratur deputat ta' Capital Resources Limited (Vol. VI: *a fol.* 1589 *et seq.*) ippreżentata fil-15 ta' Marzu 2022.

Rat il-Kontro-Replika ta' Dr. Simon Micallef Stafrace u l-P.L. Peter Paul Sammut nominati b'digriet tad-9 ta' Ottubru 2014 bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Mutassam Gaddafi (Vol. VI: *a fol.* 1597 *et seq.*) ippreżentata fit-18 ta' Marzu 2022.[4]

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għax-xiehda u għad-dokumenti saljenti li ġew mismugħa u preżentati tul il-mori tal-proċeduri odjerni u li jirrigwardaw din is-sentenza finali.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2015, xehed l-**Avukat Charilos Oikonomopoulos** (Vol. II: *a fol.* 218 *et seq.*) fejn jikkonferma li Safiya Ferkash Mohammend kienet toqgħod fl-Oman u issa qed toqgħod fl-Eġittu. Jgħid li mid-diskussjonijiet magħha jirriżultalu li hija ma għandha l-ebda rabta ma' Malta u lanqas għandha xi assi. Jikkonferma li hemm żewġ werrieta oħra u li huma ċittadini Ewropej.

In <u>kontro-eżami</u>, li sar fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2019 (Vol. IV: *a fol.* 1051 *et seq.*), meta saritlu riferenza għat-tranżazzjonijiet li saru mis-soċjeta' Capital Resources Limited, jgħid li l-klijenti tiegħu assigurawh li dawk il-flus kienu flus privati ta' Mutassam Gaddafi. Jispjega kif wara inċident ma' missieru, Mutassam Gaddafi ma kienx involut fl-armata u li wara l-inċident huwa mar l-Eġittu. Jgħid ukoll li ġie awtorizzat li jagħti struzzjonijiet fuq il-flus li jirriżultaw li ġew mill-Gvern Libjan. Mistoqsi dwar kif u x'kien jaf

[4] Din il-Kontro-Replika ġiet irtirata permezz ta' Nota ppreżentata fid-29 ta' Marzu 2022 (Vol. VI: *a fol.* 1600).

dwar Mutassam Gaddafi jgħid li huwa kien jafu soċjalment u dana minbarra l-fatt li kien miżżewweġ ma' mara Olandiża. Jgħid li dan ifisser li skont il-liġi Libjana huwa ma kienx għadu uffiċjal tal-armata. Jgħid ukoll li huwa ltaqa' ma Mutassam Gaddafi diversi drabi u qatt ma kien hemm indikazzjoni li kien qiegħed jirrappreżenta l-Gvern Libjan. Dwar meta kien l-Eġittu, jgħid li dan kien bejn is-sena 1998 u s-sena 1999 u jgħid li ma jiftakarx meta ġie mgħarraf li Mutassam Gaddafi ma kienx fl-armata meta kien l-Eġittu. Jispjega li meta uffiċjal tal-armata jiżżewweġ barranija ma' jibqax ikkunsidrat iktar fl-armata. Jgħid li meta Mutassam Gaddafi nqatel, huwa kien qed jipproteġi lill-missieru, lill-pajjiżu u t-twemmin tiegħu. Dwar il-fondi in kwistjoni, jispjega li dawn kienu fondi personali u li kienu ġejjin minn negozju li kien qed jagħmel Mutassam Gaddafi minħabba li l-imsemmi Gaddafi nvolva ruħu fl-affarijiet tal-Gvern lejn l-aħħar u li qabel kien qed jgħix ħajtu ta' negozjant.

L-**Avukat Charilos Oikonomopoulos** reġa' ħa l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2019 (Vol. V: *a fol.* 1170 *et seq.*) fejn jispjega li l-ewwel darba li ltaqa' ma' Mutassam Gaddafi kien fis-sena 2003 f'Istanbul meta huwa kien siefer ma' mara mil-Lebanon. Jgħid li reġa' ltaqa' miegħu fis-sena 2005 f'Mykonos u kien mal-istess mara li semma' qabel li wara saret martu. Jgħid ukoll li Gaddafi kien iżżewweġ lil din il-mara hekk kif ċċertifikat mill-Qorti Olandiża f'Novembru tas-sena 2017. Ikompli jispjega li ltaqa' diversi drabi oħra ma' Mutassam Gaddafi iżda ma kellhomx relazzjoni ta' negozju u li dan huwa ppruvat mill-fatt li meta xtara grupp Grieg tal-*media* huwa la talab u lanqas ngħata flus minn Mutassam Gaddafi. Jispjega li sar jaf li Mutassam Gaddafi kien iggradwa minn Tripoli bħala tabib u wara ma kompliex bl-ispeċjalizzazzjoni iżda mar l-Eġittu biex jistudja bħala militar. Jgħid li meta mar lura l-Libja huwa ngħata d-dritt li jifforma *military unit* tiegħu iżda xi żmien wara din il-*unit* ġiet maħlula u Mutassam ġġieled ma' missieru and mar l-Eġittu fejn kompla l-karriera militari tiegħu u laħaq kaptan fil-militar Eġizzjan. Meta mar lura l-Libja huwa mar lura bħala tabib u mhux bħala militar. Ikompli jgħid li wara dan il-mument Mutassam Gaddafi telaq lejn l-Italja ma' ħabib tiegħu bl-isem ta' Mohammed Shibani fejn huwa studja. Mistoqsi mill-Qorti kif jaf dan kollu, wieġeb li din hija informazzjoni li ġabar

minn riċerki li għamel. Jispjega li Mutassam Gaddafi kien uffiċjal mal-Gvern Libjan mill-aħħar tas-sena 2006 sas-sena 2010 meta faqqgħet ir-rivoluzzjoni. Jgħid ukoll li meta kien mistieden minnu f'Mykonos, huwa ra li Mutassam kien qed jiltaqa' ma' negozjanti u li ħadd qatt ma sejjaħlu b'titoli militari iżda kulħadd kien jirreferi għalih bħala *"doctor"*. Jisħaq ukoll li t-tranżazzjonijiet li kien qed jagħmel Mutassam Gaddafi kienu fil-kostruzzjoni u fl-apparat relatat mal-ferrovija u li dan ser jirriżulta mit-tranżazzjonijiet tas-soċjeta' Mezen International Limited. Jixhed: *"I never understood what was happening. I understand this was done because he wanted everything to be transparent and he wanted Capital Resources to be the company that was in his own name with him personally as a director, as a treasurer, as a secretary and may be this is the reason why this money is still available …"* (Vol. V: *a fol.* 1175). Jixhed li Mutassam Gaddafi kien jgħix il-ħajja li jiddeskrivi hekk: *"an extraordinary business person"* (Vol. V: *a fol.* 1175). Jgħid ukoll li mill-esperjenza tiegħu Mutassam Gaddafi kien involut biss fl-amministrazzjoni ta' pajjiżu u jikkonkludi billi jgħid li l-imsemmi Gaddafi żżewweġ f'Sirte u li jekk jiftakar sew dan kien fid-29 ta' April 2011.

L-**Avukat Charilos Oikonomopoulos** reġa' ħa l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2020 (Vol. V: *a fol.* 1416 *et seq.*) fejn jagħmel riferenza għal sentenza (Vol. V: *a fol.* 1428 *et seq.*) mogħtija fis-17 ta' Novembru 2017 minn Qorti fl-Olanda u jgħid li għadu qiegħed jistenna konferma mill-Qorti Olandiża li din is-sentenza hija *res judicata*. Jgħid ukoll li s-sentenza tikkonferma li Mutassam Gaddafi kien iżżewweġ lil Lisa Jacqueline van Goinga u li l-uniku tifel leġittimu tagħhom twieled fl-4 ta' Frar 2012 u li għalhekk l-assi ta' Mutassam Gaddafi għandhom jinqasmu bejn ommu, martu u ibnu. Jispjega li fil-bidu tal-proċeduri odjerni kienu ġew indikati numru ta' xhieda li minħabba li huma membri tal-familja Gaddafi illum huma projbiti milli jsiefru. Isemmi wkoll li xhud ieħor kellu l-passaport irtirat minħabba li għaddej proċeduri kriminali fit-Tunisija u li minħabba f'hekk kellha ssir talba f'din il-kawża sabiex jinġiebu xhieda mhux dikjarati.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Ġunju 2015, xehed **Pierre Mallia** (Vol. II: *a fol.* 226 *et seq.*) fejn jgħid li huwa jaħdem bħala Direttur tal-protokoll fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin. Jispjega li l-Gvern Malti

jirrikonoxxi biss lill-Gvern Libjan ibbażat f'Tobruk u li huwa rikonoxxut mill-komunita' internazzjonali.

In kontro-eżami jgħid li x-xiehda tiegħu hija applikabbli biss mid-data li huwa kien fil-grad tiegħu, ċioé minn Diċembru 2014.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Frar 2016, xehed **James Farrugia** (Vol. II: *a fol.* 257 *et seq.*) fejn jgħid li huwa Aġent Direttur tal-protokoll. Jagħti informazzjoni dwar dokumenti li setgħu ġew legalizzati mill-Ambaxxata Libjana. Eżebixxa kopja ta' dawn id-dokumenti li ġew immarkati bħala Dok. "JF 1" sa "JF 3" (Vol. II: *a fol.* 264 *et seq.*). Mistoqsi dwar xi proċedura trid tiġi segwita minn stat barrani li jrid jiftaħ kawża f'Malta jispjega li trid tintbagħat *note verbal* u din tgħaddi mill-proċessi neċessarji. Jispjega li f'każijiet bħal dawn huma dejjem jitolbu lill-Istat sabiex jgħaddi miċ-*channels* diplomatiċi. Dwar dan il-każ jgħid li ma kien hemm l-ebda proċedura diplomatika. Jgħid ukoll li l-Gvern Malti ma jistax iwaqqaf Gvern ieħor milli jiftaħ kawża hawn Malta.

**James Farrugia** reġa' ħa l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-15 ta' April 2016 (Vol. II: *a fol.* 269 *et seq.*) fejn jixhed li wara li kien xehed l-aħħar darba, tkellem mad-Dipartiment Legali tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin li ndikaw żewġ dokumenti li ġew eżebiti u mmarkati bħala Dok. "JFA 1" u "JFA 2" (Vol. II: *a fol.* 274 *et seq.*). Eżebixxa wkoll korrispondenza interna fuq dan il-punt, liema korrispondenza ġiet immarkata bħala Dok. "JFA 3" (Vol. II: *a fol.* 286 *et seq.*). Jispjega l-proċess intern li segwew sabiex jivverifikaw jekk kienx hemm xi informazzjoni mill-Gvern Libjan dwar din il-kawża.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2016, xehdet **Fiona Jane Formosa** (Vol: II: *a fol.* 426 *et seq.*) fejn tibda billi tispjega li hija tokkupa l-kariga ta' Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u tikkonferma li l-ambaxxata tal-Gvern Libjan rikonoxxut mill-Gvern Malti hija dik li tinsab f'Ta' Xbiex. Għad-domanda dwar x'jiġri meta stat li m'huwiex fl-Unjoni Ewropea jiftaħ proċeduri legali f'Malta kontra individwu jew kumpanija Malta, wieġbet li ma teżisti l-ebda konvenzjoni jew trattat li jobbliga li dak li jkun

jinforma lill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin pero' l-Ministeru msemmi jiġi nfurmat biss bħala korteżija.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2016, xehdet **Amanda Pool** (Vol. III: *a fol.* 450 *et seq.*) in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpaniji fejn tgħid li s-soċjeta' Capital Resources Limited ġiet reġistrata fit-28 ta' Ġunju 2010 u li għandha sid u direttur wieħed li huwa Muatasmbllah Muammar Abuminyar. Eżebiet żewġ dokumenti li ġew immarkati bħala Dok. "AP 1" (Vol. III: *a fol.* 453 *et seq.*). Hija tgħid li l-aħħar attivita' tas-soċjeta' imsemmija tmur lura għas-sena 2011.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2016, xehdet ukoll **Johanna Bartolo** (Vol. III: *a fol.* 464 *et seq.*) in rappreżentanza tal-Bank of Valletta fejn tgħid li l-bank minnha rappreżentat ma kellux kontijiet bankarji f'isem Mutassam Gaddafi jew *aliases* oħra tiegħu mnizzla fit-taħrika. Tgħid ukoll li fuq isem is-soċjeta' Capital Resources Limited f'isem Muatasimbllah Muammar Abuminyar, Mutassam Gaddafi u l-*aliases* kollha li hemm imniżżla fit-taħrika, hemm sitt kontijiet. Eżebiet numru ta' *statements* li ġew immarkati bħala Dok. "JB 1" sa Dok. "JB 7" (Vol. III: *a fol.* 468 *et seq.*). Tgħid li kont minnhom kien *business loan account* li nfetaħ fit-12 ta' Awwissu 2010 u li ngħalaq fit-28 ta' Frar 2011, liema kont qatt ma ntuża' u nagħlaq u li m'għandhiex *statement* fuqu. Tgħid li l-ħames kontijiet l-oħra huma ffriżati pero' ma tafx għalfejn minħabba li jkun sar hekk mill-*branch* fejn ikunu l-kontijiet. Fuq dawn il-kontijiet l-oħra, tagħti din l-informazzjoni:

- Sterling Account li ġie miftuħ fit-28 ta' Ġunju 2010 u li għadu miftuħ, b'bilanċ ta' GBP 3,015,992.98 (Dok. "JB 1" – Vol. III: *a fol.* 468 *et seq.*);

- US Dollar Account li ġie miftuħ fit-28 ta' Ġunju 2010 u li għadu miftuħ, b'bilanċ ta' $38,750,920.21 (Dok. "JB 2" – Vol. III: *a fol.* 534 *et seq.*);

- € Account li ġie miftuħ fit-28 ta' Ġunju 2010 u li għadu miftuħ, b'bilanċ ta' €56,327,144.31 (Dok. "JB 3" – Vol. III: *a fol.* 595 *et seq.*);

- € Account li ġie miftuħ fit-18 ta' Ġunju 2010 u li għadu miftuħ, b'bilanċ ta' €122,770.10, li fuqu kien hemm *credit card* Visa Gold, tgħajjat lil Muatasimbllah (Dok. "JB 4" – Vol. III: *a fol.* 601 *et seq.*);

- € Account li ġie miftuħ fit-18 ta' Ġunju 2010 u li għadu miftuħ, b'bilanċ ta' €84,781.98, li fuqu kien hemm *credit card* Visa Platinum, tgħajjat lill-istess persuna (Dok. "JB 5" – Vol. III: *a fol.* 604 *et seq.*).

**Johanna Bartolo** reġgħet ħadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2019 (Vol. IV: 1014 *et seq.* u *a fol.* 1045 *et seq.*) fejn meta ġiet mistoqsija dwar tranżazzjoni li saret fis-sena 2010, hija tgħid li ma tkunx tista' tagħti informazzjoni li tmur lura aktar minn ħames snin. Eżebiet kopja ta' dokumenti li huma relatati mal-ftuħ tal-kontijiet tas-soċjeta' Capital Resources Limited, liema dokumenti ġew immarkati bħala Dok. "JBB 1" u Dok. "JBB 2" (Vol. IV: *a fol.* 1018 *et seq.*). Tikkonferma li dawn huma d-dokumenti kollha li ntbagħtu mill-*International Clients Centre* tal-bank minnha rappreżentat. Tixhed li mal-*Opening Form* li ppreżentat hemm ittra ffirmata minn Joe Sammut, liema ittra tfiehem x'tagħmel is-soċjeta' in kwistjoni u fiex tinnegozja. Tispjega li internament talbet sabiex jiġu mogħdija lilha d-dokumenti kollha u li eżebiet dak li rċeviet. Dwar laqgħat ma tista' tgħid xejn għax ma kinitx preżenti.

**Johanna Bartolo** reġgħet ħadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-5 ta' April 2019 (Vol. IV: 1062 *et seq.*) fejn tispjega li bħala *clients account* f'isem Joseph Sammut irriżulta wieħed biss u eżebiet *statement* ta' dan il-kont minn Lulju 2010 sa Diċembru 2010, liema *statement* ġie mmarkat bħala Dok. "JBB 3" (Vol. IV: *a fol.* 1064 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2016, xehed **Dr. Andrew Azzopardi** (Vol. III: *a fol.* 631 *et seq.*) in rappreżentanza tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin fejn jagħmel riferenza għal dokument li qal ma

setgħax jippreżenta minħabba li huwa privileġġjat iżda ma kellux oġġezzjoni jikkonferma l-kontenut tiegħu. Jispjega li f'dan id-dokument il-Gvern Libjan kien qed jgħid li l-avukat tal-atturi kien qed jiġi awtorizzat ikompli bil-każ.

In kontro eżami jikkonferma l-provenjenza tad-dokument.

**Dr. Andrew Azzopardi** reġa' ħa l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2017 (Vol. IV: *a fol.* 780 *et seq.*) fejn eżebixxa kopja tan-*note verbal* tal-Gvern Libjan, liema dokument ġie mmarkat bħala Dok. "AA1" (Vol. IV: *a fol.* 782).

**Dr. Andrew Azzopardi** reġa' ħa l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2017 (Vol. IV: 788) fejn eżebixxa kopja ta' l-aħħar *note verbal* li waslilhom li huwa datat 3 ta' Mejju 2017, liema dokument ġie mmarkat bħala Dok. "AAA 1" (Vol. IV: *a fol.* 789).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2016, xehed ukoll **Neville Aqulina** (Vol. III: *a fol.* 637 *et seq.*) fejn jibda billi jgħid li huwa jaħdem mal-Bord ta' Sorveljanza dwar is-Sanzjonijiet (*Sanctions Monitoring Board*). Jixhed: *"Mutassim Gaddafi according to UN resolution 1970, he's a listed person and his assets are frozen. I have the latest updated list, this coming from the internet, United Nation information, as from 28th. October he's still listed and his assets are frozen"* (Vol. III: *a fol.* 638). Mitlub jidentifika l-assi f'Malta, jgħid li mill-informazzjoni li għandu hemm s-soċjeta' Capital Resources Limited il-kontijiet ta' liema soċjeta' huma ffriżati. Jixhed li saret talba lill-Bord sabiex jiġu rilaxxati l-fondi ffriżati sabiex jitħallsu spejjeż legali, liema talba ġiet miċħuda. Eżebixxa tliet dokumenti, fosthom rapport tal-panel ta' esperti tan-Nazzjonijiet Uniti u kopja tar-rapport tan-Nazzjonijiet Uniti, liema dokumenti ġew immarkat bħala Dok. "NA 1" sa "NA 3" (Vol. III: *a fol.* 643 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2016, xehed ukoll **Abdul Rhman Mohammed Shmila** (Vol. III: *a fol.* 748 *et seq.*) fejn qal li huwa Direttur tad-Dipartiment tal-Litigazzjoni fil-Libja. Jgħid li d-dipartiment in kwistjoni huwa korp ġudizzjarju indipendenti fil-Libja u li huwa r-rappreżentant legali tal-istituzzjonijiet governattivi kollha tal-Libja. Eżebixxa żewġ dokumenti li ġew

immarkati bħala Dok. "ARMS 1" (Vol. III: *a fol.* 752) u Dok. "ARMS 2" (Vol. III: *a fol.* 753 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2017, xehed **Ahmed Lamin** (Vol. IV: *a fol.* 773 *et seq.*) fejn qal li huwa *Acting Consul* fl-Ambaxxata Libjana għal Malta u fejn awtorizza lill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Malti jippreżenta n-*note verbal* mibgħuta mill-Gvern Libjan.

**Ahmed Lamin** reġa' ħa l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2017 (Vol. IV: *a fol.* 783 *et seq.*) fejn filwaqt li saritlu riferenza għad-depożizzjoni mogħtija minnu f'seduta oħra, eżebixxa bħala Dok. "AL 1" (Vol. IV: *a fol.* 785) kopja tal-istruzzjonijiet bil-miktub.

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2018, xehed **Joseph Sammut** (Vol. IV: *a fol.* 854 *et seq.*) fejn jgħid li bħala awditur huwa jirreġistra soċjetajiet għan-nom ta' terzi u jagħmel iċ-ċertifikat tal-*audit* tas-soċjetajiet li jkun awditur tagħhom. Rigward Mutassam Gaddafi jgħid li huwa kien irreġistralu s-soċjeta' Mezen International Limited u li dan sar jew fis-sena 2003 jew fis-sena 2004. Ikompli jispjega li eventwalment fit-28 ta' Ġunju 2010 irreġistralu s-soċjeta' Capital Resources Limited. Jispjega li llum is-soċjeta' Mezen International Limited ma għandha l-ebda assi minħabba li dawn ġew trasferiti lis-soċjeta' Capital Resources Limited u li wara dan is-soċjeta' Mezen International Limited ġiet trasferita lilu sabiex jagħlaqha iżda minħabba l-iżviluppi li kien hemm fil-bidu tas-sena 2011 issa hija inattiva b'mod komplet. Jixhed li l-unika azzjonist f'Capital Resources Limited kien Mutassam Gaddafi u li minħabba li ġiet iffriżata ftit xhur wara li ġiet kostitwita, qatt ma sar *audit* u qatt ma ġew sottomessi l-ebda dokumenti fosthom *accounts* jew *annual returns*. Jgħid li huwa għandu somma ta' madwar ħamsin elf Euro (€50,000) li kienu fil-*clients accounts* li wara mexxiehom f'*account ieħor*, liema *account* huwa f'ismu. Jispjega li huwa volontarjament informa lill-bank u lill-Avukat Ġenerali u l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u li dan il-kont jinsab iffriżat. Dwar il-kontijiet bankarji, jispjega li fil-każ tas-soċjeta' Mezen International Limited kien introduċa lix-*shareholder* mad-direttur tal-Bank of Valletta pero' it-taħditiet biex jinfetaħ il-kont saru direttament bejn il-bank u Gaddafi. Jgħid li kien introduċa lill-funzjonarji tas-soċjeta' u assoċjati tan-negozju tax-*shareholder*

direttament maċ-*Chief Executive Officer* tal-bank ta' dak iż-żmien. Jispjega li sabiex jinfetħu l-kontijiet huwa kellu jissottometti d-dokumenti tas-soltu bħal *Memorandum* u Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni. Jgħid li, fl-laqgħa li kien involut fiha huwa, kien qal lill-uffiċjal tal-bank sabiex jagħmlu *due diligence* jew inkella rapport dwar ħasil ta' flus f'każ li kellhom diffikulta' dwar il-provenjenza tal-flus.

**Joseph Sammut** reġa' ħa l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-5 ta' April 2019 (Vol. IV: 1028 *et seq.*) fejn beda billi jispjega ir-rwol tiegħu bħala l-persuna li ressqet is-soċjeta' Capital Resources Limited lejn il-bank sabiex tkun tista' tiftaħ il-kontijiet tagħha. Jagħti dettalji dwar min kien preżenti għal laqgħat u jgħid li fir-rekords tiegħu niżżel li kien qalilhom sabiex jagħmlu d-*due diligence* tagħhom. Jikkonferma li huwa ma kienx preżenti għal laqgħat kollha. Mistoqsi dwar xi flejjes irċieva minn għand Capital Resources Limited, jikkonferma li rċieva flejjes iżda huwa qatt ma ġibed flejjes minħabba li qatt ma kellu mandat. Ikompli jgħid li meta ħarġu s-sanzjonijiet, il-Pulizija elevaw il-*files* kollha tas-soċjeta'. Eżebixxa kopja tar-rendikont tal-*files* elevati (Vol. IV: Dok. "JSS 1" – *a fol.* 1039). Jgħid kellu l-*vouchers* tal-flejjes li għaddew għandu mis-soċjeta' iżda dawn jiffurmaw parti mill-*files* li ġew elevati mill-Pulizija. Eżebixxa dokumenti li kien għadda lill-Bord ta' Sorveljanza dwar is-Sanzjonijiet b'rendikont dwar il-flejjes li kellu f'isem Capital Resources Limited, liema dokumenti ġew immarkati bħala Dok. "JSS 2" (Vol. IV – *a fol.* 1040 *et seq.*). Mistoqsi dwar *statements*, jgħid li ser jistaqsi lill-bank iżda wara jgħid li ma għandux aċċess għalihom minħabba li meta biddel l-uffiċċju huwa biddel is-sistema elettronika li jaħdem biha u rekords ta' aktar min ħames snin ma jżommx. Jikkonferma li jista' jġib din l-informazzjoni mill-bank. Mistoqsi dwar tranżazzjonijiet finanzjarji li daħlu fil-*clients accounts* tiegħu, jgħid li jekk il-Bank of Valletta tagħti l-*istatements* jirriżulta ċar kif dawn il-flus kienu ħarġu.

**Joseph Sammut** reġa' ħa l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2019 (Vol. IV: 1101 *et seq.*) fejn jispjega li huwa talab lil Bank of Valletta għall-*istatements* li jappartjenu għal faxxa ta' żmien meta saru d-depożiti in kwistjoni u eżebixxa tali *statements* li ġew immarkati bħala Dok. "JSS 3" (Vol. IV: *a fol.* 1103 *et seq.*). Dwar it-

tranżazzjonijiet jispjega li huwa kien ikollu struzzjonijiet biex iħallas u huwa kien jipproċedi għall-ħlas.

**Joseph Sammut** reġa' ħa l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2019 (Vol. V: 1367 *et seq.*) fejn jikkonferma li parti mill-flus tas-soċjeta' Capital Resources Limited ġew mis-soċjeta' Mezen International Limited. Dwar il-provenjenza tal-flus, jgħid li ma għandux dettalji minħabba li d-diskussjonijiet saru direttament mal-bank mis-soċjeta' jew mir-rappreżentanti tagħha. Jgħid ukoll li r-rekords ma jinżammux aktar wara sitta/seba' snin. Jikkonferma wkoll li huwa ma kellu l-ebda kontroll fuq l-assi tas-soċjeta' Mezen International Limited u jikkonferma wkoll li kien jirċievi l-*istatements* tal-bank. Jispjega li Mezen International kienet iktar *holding company* u li kellha madwar żewġ jew tliet dgħajjes. Fuq il-flus li waslu minn għand soċjeta' oħra f'Capital Resources Limited, jgħid li ma kienx għamel *audit* iżda jiftakar li kien ġie mistoqsi mill-bank u huwa staqsa lis-sid li qallu li dawn ġejjin minn soċjetajiet oħra.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2018, xehed **Hussein Hamadin** (Vol. IV: *a fol.* 870 *et seq.*) fejn qal li jaħdem bħala avukat fid-Dipartiment tal-Litigazzjoni tal-Istat Libjan. Eżebixxa s-segwenti dokumenti:

- Liġi Numru 2 tas-sena 1979 rigward l-*Economic Crimes* (Vol. IV: Dok. "HH 1" – *a fol.* 875 *et seq.*);

- Liġi Numru 40 tas-sena 1974 rigward Kontroll tas-Servizz fl-Armata (Vol. IV: Dok. "HH 2" – *a fol.* 893 *et seq.*);

- Liġi Numru 10 tas-sena 2002 li hija *The Purge Law* (Vol. IV: Dok. "HH 3" – *a fol.* 917 *et seq.*);

- Liġi Numru 2 tas-sena 2005 kontra l-*Money Laundering* (Vol. IV: Dok. "HH 4" – *a fol.* 949 *et seq.*);

- Liġi Numru 22 tas-sena 1985 bit-titolu *On Combating Abuse By Anyone With A Public Servant Position* (Vol. IV: Dok. "HH 5 " – *a fol.* 965 *et seq.*);

- Liġi Numru 3 tas-sena 1986 dwar il-korruzzjoni (Vol. IV: Dok. "HH 6 "– *a fol.* 967 *et seq.*).

Jikkonferma li dawn il-liġijiet huma l-verżjoni li hemm fis-seħħ u jgħid x'inhuma t-timbri li hemm fuq id-dokumenti. Jispjega li l-ewwel timbru huwa tat-traduzzjoni mid-Dipartiment ta' Litigazzjoni fil-Ministeru tal-Ġustizzja, it-tieni timbru huwa mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u li hemm ukoll it-timbru tal-Ambaxxata Libjana ġewwa Malta.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2018, xehed **Almabrouk Alfourti** (Vol. IV: *a fol.* 975 *et seq.*) fejn qal li huwa l-Konslu li jirrappreżenta l-Istat Libjan ġewwa Malta u eżebixxa dokument f'dan ir-rigward (Vol. IV: Dok. "AA1 " – *a fol.* 984). Eżebixxa wkoll dokumenti mibghuta lilu mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Libjan, liema dokumenti ġew immarkati bħala Dok. "AA 2" (Vol. IV: *a fol.* 985 *et seq.*). Jispjega li dawn id-dokumenti nħarġu mill-Ministeru tad-Difiża Libjan u huma dwar meta Mutassam Gaddafi daħal suldat, kif tela' fil-grad u meta miet. Jikkonferma li dawn id-dokumenti ġew tradotti minn traduttur legali li taħdem fil-Konsolat. Jixhed li Mutassam Gaddafi kien Brigadier li jikkmanda militar privat tiegħu u kien jiġġieled kontra r-ribelli sakemm miet fl-20 ta' Ottubru 2011.

In kontro-eżami jikkonferma li ma kienx jaf lil Mutassam Gaddafi personalment iżda kien jaf li kien it-tifel tal-Kap tal-Istat u xi rwol kien jokkupa. Dwar ir-rwol li kien jokkupa Mutassam Gaddafi, jgħid li dan jafu mid-dokumenti li ntbagħtu lilu. Jispjega li r-rwol tiegħu meta ta d-depożizzjoni tiegħu kienet li jeżebixxi d-dokumenti, jikkonferma li huma veri, li nħarġu mill-Ministeru tad-Difiża u li ntbagħtu mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin. Dwar il-promozzjoni li ngħatat lil Mutassam Gaddafi mill-President Eġizzjan qal li din kienet drawwa li waqt xi żjara il-President ta' pajjiż jagħti promozzjoni lit-tifel tal-President l-ieħor u dan ġara anke ma ħu Mutassam Gaddafi. Jgħid li l-promozzjoni tkun tgħodd fl-armata Libjana. Mitlub jippreżenta r-riżoluzzjonijiet li bihom Mutassam Gaddafi ħa l-promozzjonijiet qal li ser jieħu ħsieb jitlobhom.

**Almabrouk Alfourti** reġa' ħa l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2019 (Vol. IV: *a fol.* 994 *et seq.*) fejn eżebixxa dokumenti mill-Ministeru tad-Difiża rigward Mutassam Gaddafi, liema dokumenti ġew immarkati bħala Dok. "MMAF 1" u "MMAF 2" (Vol. IV: *a fol.* 996 *et seq.*). Jgħid li dawn intalbu mill-Ministeri konċernati u nġabu mill-Prim Ministru Libjan meta għamel żjara hawn Malta. Jispjega li qara d-dokumenti u jikkonferma li huma vera.

**Almabrouk Alfourti** reġa' ħa l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2019 (Vol. V: *a fol.* 1126 *et seq.*) fejn eżebixxa kopja taċ-ċertifikat tal-mewt ta' Mutassam Gaddafi li ġie mmarkat bħala Dok. "MFF 1" (Vol. V: *a fol.* 1128 *et seq.*).

In-kontro-eżami jgħid li meta Mutassam Gaddafi miet, l-istatus tiegħu kien *single* ċioé ma kienx miżżewweġ.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' April 2019, xehed **Ray Aquilina** (Vol. IV: *a fol.* 1086 *et seq.*) in rappreżentanza tal-Bank of Valletta fejn jibda billi jgħid li huwa ilu *licensee* għal dawn l-aħħar ħdax jew tnax il-sena. Mistoqsi jekk kienx involut direttament fil-ftuħ tal-kont bankarju ta' Capital Resources Limited mal-Bank of Valletta, jispjega kif kienu joperaw f'dak iż-żmien. Jgħid ukoll li disa' snin qabel il-proċess kien li jagħmlu *due diligence* tas-soċjeta' u min hemm warajha. Jgħid li dwar il-*beneficial owner* jekk il-klijent ikun diġa' magħruf, bħal dan il-każ, ma jkunx hemm bżonn. Jgħid li fir-rigward tas-soċjeta' Capital Resources Limited ma sarux *updates* minħabba dak li ġara. Dwar il-laqgħat li setgħu saru dwar il-ftuħ tal-kontijiet, jgħid li ma sab xejn fil-*file* iżda mistoqsi dwar laqgħa ma' ċertu Charles Borg, jgħid li jista' jkun pero' ma setax jivverifika dan għax il-persuna in kwistjoni ma għadhiex taħdem mal-bank.

In kontro-eżami jikkonferma li l-bank kien komdu bid-*due diligence* li kellu.

In kontro-eżami, li tkompla fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2019 (Vol. V: *a fol.* 1182 *et seq.*) eżebixxa bħala Dok. "AR 1" (Vol. V: *a fol.* 1190 *et seq.*) l-*istatements* tas-soċjeta' Mezen International Limited u jgħid li fihom it-tranżazzjonijiet li minnhom hemm prova ma' min din is-

soċjeta' kienet qed tagħmel negozju u minn fejn kienet qed tirċievi l-flus. Jgħid li l-flus tas-soċjeta' Mezen International Limited għaddew lil Capital Resources Limited.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2019, xehed **Hussein Muftah** (Vol. V: *a fol.* 1111 *et seq.*) fejn jgħid li huwa jaħdem bħala avukat mad-Dipartiment tal-Litigazzjoni tal-Gvern Libjan li jinsab fi Tripoli u li huwa l-Gvern rikonoxxut minn Nazzjonijiet Uniti. Eżebixxa bħala Dok. "HMM 1" (Vol. V: *a fol.* 1115 *et seq.*) l-liġi li tirregola d-Dipartiment tal-Litigazzjoni u kkonferma li din hija l-aħħar verżjoni tagħha. Eżebixxa wkoll estratt mil-liġi li tirregola l-militar.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2019, xehed ukoll **Mohamed Mustafa Sadri** (Vol. V: *a fol.* 1130 *et seq.*) fejn jispjega li huwa konsulent mal-Ministeru tad-Difiża u fil-Bord Ġenerali tal-Ġustizzja Militari. Eżebixxa dokument sabiex jipprova dan (Vol. V: Dok. "MMS 1" – *a fol.* 1168 *et seq.*) u eżebixxa wkoll kopja tal-passaport tiegħu (Vol. V: Dok. "MMS 2" – *a fol.* 1141). Jixhed li Mutassam Gaddafi ngħaqad mal-armata fis-sena 1998 u qatt ma ħareġ minnha sakemm miet. Dwar il-promozzjonijiet militari li Mutassam Gaddaf irċieva minn għand Presidenti barranin, jgħid li l-persuna tkun diġa' kisbet il-promozzjoni iżda minħabba li kienet qed tiġi ffesteġġjata r-rivoluzzjoni, din tingħata uffiċjalment minn President barrani sabiex juri ir-relazzjoni ta' ħbiberija bejn il-pajjiżi. Jispjega l-karriera militari ta' Mutassam Gaddafi u jgħid li fis-sena 2007 ġie trasferit mill-militar għal man-*National Security Council* u li fis-sena 2009 ngħata promozzjoni minn Kurunell għal Brigadier jew Ġeneral. Waqt id-depożizzjoni tiegħu, eżebixxa dokumenti oħra u dana apparti dawk li diġa saru riferenza għalihom.

In <u>kontro-eżami</u> jispjega li fil-Libja kien hemm sena jew sentejn lieva obbligatorja u fis-sena 2001 jew 2002 din spiċċat u hemm il-Kulleġġ li huwa wieħed volontarju.

Illi, fil-15 ta' Settembru 2020, ġie ppreżentat affidavit ta' **Lisa Jacqueline van Goinga** (Vol. V: *a fol.* 1383 *et seq.*) fejn tgħid li t-tifel li twieled fl-4 ta' Frar 2012 huwa l-uniku tifel ta' Mutassam Gaddafi. Tgħid li l-assi li kien hemm fis-soċjeta' Capital Resources Limited kienu nodfa u leġittimi u li dan ġie kkonfermat minn Hmeda

Shebani u anke l-*accountant* ta' Mutassam Gaddafi, Joseph Sammut. Tgħid li Mutassam Gaddafi kien kiseb dawn l-assi minn negozju li kien għamel qabel ma kien ħa xogħol mal-Gvern Libjan u wara tgħaddi sabiex tagħti eżempju ta' fondi li allegatament huma ta' tliet miljuni (3,000,000) (li ma tafx jekk humiex Lira Sterlina jew Ewro) li d-defunt Mutassam Gaddafi kien irċieva minn għand l-assigurazzjoni meta tilef id-dgħajsa tiegħu bl-isem "Che Guevara". Tgħid ukoll li Mutassam Gaddafi kien qalilha li huwa ried li ħwejġu jintirtu minn ibnu.

In <u>kontro-eżami</u>, li sar fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2021 (Vol. VI: *a fol.* 1451 *et seq.*), tgħid li hija żżewġet lil Mutassam Gaddafi waqt il-gwerra, preċiżament fid-29 ta' April 2011. Tispjega min kien hemm preżenti waqt it-tieġ, min kienu x-xhieda u x'kienu l-formalitajiet taċ-ċerimonja u li wara reġgħu marru jistaħbew. Tgħid li żewġha Mutassam Gaddafi kien jiċċaqlaq minn post għall-ieħor iżda qatt ma qalilha li kien parti mill-milizja. Tisħaq li l-attivita' li kien qed jagħmel kien qed jagħmilha bħala iben il-kap fil-kapaċita' personali tiegħu. Wara tgħaddi sabiex tispjega x'ġara wara ż-żwieġ u d-diffikultajiet li ltaqgħet magħhom. Tispjega wkoll li minħabba t-taqlib li kien hemm, iż-żwieġ tagħhom ma ġiex reġistrat u baqa' mhux reġistrat minħabba li ntilfu d-dokumenti kollha. Tgħid li l-unika post fejn ġie reġistrat iż-żwieġ kien l-Olanda. Spjegat ukoll kif fis-sena 2017 ġie aċċettat mill-Qorti Olandiża li t-tifel tagħha kien it-tifel ta' Mutassam Gaddafi u li ż-żwieġ kien seħħ fid-29 ta' April 2011. Tgħid li damet daqshekk biex tiftaħ proċeduri ġudizzjarji minħabba li kienet imbeżża dwar is-sigurta' tagħha u minħabba li ma kellhiex flus. Tispjega wkoll li kien hemm għajdut li kien hemm tentattivi sabiex jinsterqu l-fondi tas-soċjeta' Capital Resources Limited u li għalhekk hija ppruvat tagħmel appuntament mal-awditur Sammut f'Milan iżda dan ma seħħx. Tkompli tgħid li minħabba f'hekk hija ġiet Malta fis-sena 2014, iltaqgħet ma' l-awditur Sammut u, minkejja dak li kien qalilha l-awditur, hija ddeċidiet li timxi għal rasha. Tgħid li mhux minnu li dak li hemm fl-affidavit tagħha huwa informazzjoni li hija saret taf minn terzi u tispjega r-relazzjoni ma' Mutassam Gaddafi u kif kienet tivvjaġġa dejjem miegħu. Mistoqsija dwar meta fl-affidavit tagħha tgħid li l-assi tas-soċjeta' Capital Resources Limited ta' Mutassam Gaddafi ma kellhomx x'jaqsmu ma' l-Istat Libjan, tgħid li kienet ma' l-istess

Gadaffi meta kien qed jagħmel laqgħat dwar negozju u mar l-Italja, Londra u r-Russja. Tgħid ukoll li ma kinitx miegħu meta kien qiegħed fuq il-mejda tan-negozjati imma meta fl-aħħar taha bagalja bid-dokumenti huwa kien infurmaha li l-Gvern ma kellu x'jaqsam xejn ma' dak li kien hemm fil-bagalja. Tgħid li waqt iċ-ċerimonja tat-tieġ ma kinitx qed tifhem eżattament il-lingwa Għarbija u li ma tafx x'kien fih il-kuntratt li ffirmat waqt l-istess ċerimonja minħabba li kien miktub bil-lingwa Għarbija.

In ri-eżami (Vol. VI: *a fol.* 1465 *et seq.*) tiċċara li l-ewwel li kienet iltaqgħet ma' Mutassam Gaddafi kien fis-sena 2002 iżda r-relazzjoni żviluppat fis-sena 2006. Tgħid li meta ltaqgħet ma' Mutassam Gaddafi, huwa ma kellux xogħol iżda kien qed jistudja l-lingwi fl-Italja u li kien qed jivvjaġġa ħafna. Tikkonferma li fis-sena 2007, Mutassam Gaddafi kien laħaq *National Security Adviser* u tikkonferma li huwa rriżenja fis-sena 2010 meta ġġieled ma' Baghdadi. Mitluba tispjega l-kontenut tal-bagalja li semmiet, tgħid li hija rat x'kien hemm fiha u li Mutassam Gaddafi wrieha kull dokument li kien hemm ġo fiha. Tgħid li kien kontijiet bankarji u numru ta' kuntratti u li ġiet murija dokumenti relatati ma' dgħajsa li kienet ħabtet ma' xi blat u dokumenti dwar xi appartament li kien f'isem dak li skont hi kien il-*front man* ta' Mutassam Gaddafi. Tispjega li ma setgħetx iġġorr il-bagalja minħabba li dak iż-żmien kien hemm ħafna periklu u kieku ġarret il-bagalja kienet turi li kienet il-mara tiegħu.

In kontro-eżami (Vol. VI: *a fol.* 1467 *et seq.*) dwar id-dgħajsa tgħid li din kienet ħabtet mal-blat u għerqet u li Gaddafi kien ġab madwar żewġ miljuni (2,000,000) bħala kumpens mill-assigurazzjoni. Tispjega wkoll dwar appartament f'Ruma li kien inxtara sabiex mara li kellha relazzjoni ma' Mutassam Gaddafi meta hija kienet l-Amerika setgħet toqgħod fih. Tgħid li dan kien fis-sena 2008. Mistoqsija dwar fejn kienet fi Frar tas-sena 2010, tgħid li ma tiftakarx minħabba li kienet tivvjaġġa ħafna. Dwar l-appartament, tgħid li dan ma ġiex trasferit fuq il-mara li kienet toqgħod hemm u li din tilfet il-kawża li kellha u li spiċċat tkeċċiet. Tispjega li fis-sena 2014 iltaqgħet ma' dak li kien il-*prestanome* tar-raġel tagħha li kien wiegħed li kien ser ikellimha imma wara ħarab u qatt ma wieġeb it-telefonati tagħha.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Ġunju 2021, xehed **Nabil Saleh** (Vol. VI: *a fol.* 1481 *et seq.*) fejn jgħid li twieled fil-25 ta' Jannar 1980 fi Tripoli u li llum jgħix Pariġi. Jispjega li mar Pariġi fis-sena 1998 iżda fis-sena 2004 kien mar lura Tripoli minħabba li kellu relazzjoni tajba mal-President Gaddafi. Jixhed li wara s-sena 2004 l-organizzazzjoni Eluan għaddietlu l-flus sabiex huwa jkun jista' jiftaħ in-negozju tiegħu. Jgħid li huwa fetaħ in-negozju tiegħu f'Beirut u baqa' hemm sas-sena 2015 u dana peress li minħabba kwistjonijiet ta' sigurta' huwa ttrasferixxa n-negozju tiegħu f'Pariġi. Dwar Mutassam Gaddafi jispjega li kien ħabib tiegħu u li kien iltaqa' miegħu l-ewwel darba fis-sena 1996. Ikompli jgħid li fis-sena 2001 Mutassam Gaddafi stiednu l-Eġittu fejn kien qed jagħmel studju dwar il-marittimu. Jixhed li b'kollox mar tliet darbiet l-Eġittu għand Mutassam Gaddafi. Jgħid li huma ltaqgħu minħabba ħbiberija u jispjega wkoll li Mutassam Gaddafi kien qallu li kien fetaħ soċjeta' f'Malta sabiex ikun jista' jagħmel negozju. Jispjega li Mutassam Gaddafi kien l-iben il-favorit ta' missieru u li missieru ried li Mutassam Gadaffi jżomm il-bogħod minn kwistjonijiet politiċi u li fil-fatt Mutassam Gaddafi żamm il-bogħod mill-affarijiet politiċi. Jgħid ukoll li kien jaf li Mutassam Gaddafi kien ser jiżżewweġ u li jaf ukoll lill-mara tiegħu li jisimha Lisa. Jispjega li Mutassam Gaddafi kien iddeċieda li jiżżewweġ fis-27 ta' Jannar 2011 imma b'dak li kien qed jiġri huwa ddeċieda li jipposponi ż-żwieġ iżda jgħid li ma jiftakarx id-data meta seħħ iż-żwieġ. Jikkonferma wkoll li kien tkellem ma' Lisa fuq it-telefon meta kienet il-Libja.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz ta' din il-kawża l-Istat Libjan hekk kif rikonoxxut mill-Gvern ta' Malta jitlob lill-Qorti sabiex, fost l-oħrajn, l-assi miżmuma f'isem Mutassam Gaddafi, inkluż l-ishma fis-soċjeta' Capital Resources Limited, jiġu restitwiti lilu *ossia* lill-Istat Libjan u dana minħabba li jingħad li dawn kienu miżmuma bi ksur tal-obbligi imposti mil-liġi Libjana.

Illi l-attur *nomine* jsejjes it-talbiet tiegħu fuq il-fatt li Mutassam Gaddafi kien uffiċjal tal-armata Libjana u li għalhekk kien suġġett għal liġi marzjali Libjana b'dana illi l-istess liġi tipprojbixxi lill-uffiċjali tagħha milli jwettqu attivitajiet ta' negozju. Skont l-attur

*nomine*, Mutassam Gaddafi kellu l-obbligu legali li juri dawn il-fondi f'dikjarazzjoni iżda dan huwa ma wettqux u konsegwentement il-fondi għandhom jitqiesu bħal illeċiti u b'hekk ġie argumentat li l-Istat Libjan għandu d-dritt jitlob ir-restituzzjoni tagħhom.

Illi l-Avukat Charilos Oikonomopoulos assuma l-atti bħala mandatarju speċjali ta' Safiya Ferkash Mohammed u bħala kuratur deputat tas-soċjeta' Capital Resources Limited. Għan-nom tal-konvenuti minnu rappreżentati, l-Avukat Charilos Oikonomopoulos iwieġeb għat-talbiet tal-attur *nomine* billi jilmenta li l-attur *nomine* irid jagħti prova tal-liġijiet Libjani. In linea preliminari, jgħid li t-talba tal-attur *nomine* hija preskritta *ai termini* ta' Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Skont l-Avukat Charilos Oikonomopoulos *nomine*, l-azzjoni mressqa mill-attur *nomine* taqa' taħt il-parametri ta' delitt jew kważi delitt u għalhekk ġialadarba d-danni mhux riżultat ta' att kriminali, tali azzjoni tkun preskritta b'terminu ta' sentejn. Jargumenta wkoll li ġialadarba meta Mutassam Gaddafi miet fis-sena 2011 kien ben magħruf li kien hawn f'Malta il-fondi in kwistjoni, għalhekk l-Istat Libjan seta' jiftaħ din il-kawża ta' l-anqas mid-data tal-mewt tiegħu. Dan jingħad minħabba li meta Mutassam Gaddafi miet, fuqu nstabu karti ta' kreditu tal-Bank of Valletta u minħabba l-fatt li s-soċjeta' konvenuta Capital Resources Limited kienet ġiet reġistrata f'Malta f'Ġunju 2010 u li huwa risaput illi r-Reġistru tal-Kumpaniji huwa wieħed pubbliku u b'hekk l-ishma reġistrati f'isem Mutassam Gaddafi kienu identifikabbli f'kull żmien malli ġiet imwaqqfa s-soċjeta' imsemmija.

Illi, fir-rigward tal-punt imsemmi hawn fuq, filwaqt li skont l-Avukat Charilos Oikonomopoulos *nomine* (Vol. VI: *a fol.* 1541 *et seq.*) dan il-punt irid jiġi deċiż abbażi tal-liġi Maltija, da parte tiegħu l-attur *nomine* (Vol. VI: *a fol.* 1568 *et seq.*) jisħaq li l-punt irid jiġi deċiż abbażi tal-liġi Libjana stante li l-azzjoni li qed tiġi mressqa hija azzjoni bbażata fuq il-ksur tal-liġi Libjana.

Illi dwar il-mertu, kif diġa ġie spjegat iktar 'il fuq, l-attur *nomine* jitlob ir-restituzzjoni tal-assi ta' Mutassam Gaddafi li jinkludu l-ishma tas-soċjeta' Capital Resources Limited minħabba li dawn l-

assi neċessarjament ma ġewx miksuba mill-paga li Mutassam Gadaffi kien jirċievi bħala uffiċjal tal-armata u konsulent tas-sigurta' nazzjonali, liema paga kienet ekwivalenti għal €37,500 kull sena.

Illi skont l-attur *nomine* meta Mutassam Gaddafi fetaħ is-soċjetajiet tiegħu huwa għamel hekk bi ksur tas-segwenti:

- Artikolu 54 ta' Liġi Numru 40 tas-sena 1974 (Vol. IV: Dok. "HH 2" – *a fol.* 893 *et seq.*) li fost l-oħrajn jipprojbixxi li suldat iwettaq negozju ta' kull xorta;

- Artikolu 6 ta' Liġi Numru 10 tas-sena 2002 ċioé dik indikata bħala *The Purge Law* (Vol. IV: Dok. "HH 3" – *a fol.* 917 *et seq.*) liema artikolu jistabbilixxi li kummissjonijiet jekk miksuba minn attivitajiet legali pprojbiti jitqiesu serq jew li nkisbu illegalment. F'din il-liġi:

    - Artikolu 12 jistabbilixxi l-possibilita' li dawn il-flejjes jitħallsu lura lill-Istat Libjan;

    - Artikolu 16 ta' din il-liġi jistabbilixxi li jekk il-qliegħ ma jkunx proporzjonat mad-dħul leġittimu tal-individwu dan jitqies illegali;

    - Artikolu 19 jistabbilixxi li dan il-qliegħ għandu jiġi restitwit lill-Istat.

- Artikolu 1 ta' Liġi Numru 2 tas-sena 2005 (Vol. IV: Dok. "HH 4" – *a fol.* 949 *et seq.*) jistabbilixxi li proprjeta' miksuba minn delitt hija proprjeta' illegali, waqt li f'Artikolu 2 hemm stabbilit li l-ħabi ta' proprjeta' illegali u l-ħabi ta' fejn tinstab jitqiesu bħala delitt ta' ħasil tal-flus.

- Artikolu 1 ta' Liġi Numru 3 tas-sena 1986 (Vol. IV: Dok. "HH 6" – *a fol.* 967 *et seq.*) jistabbilixxi li qliegħ li m'huwiex proporzjonat mad-dħul leġittimu ta' persuna jitqies bħala illegali waqt li l-Artikolu 6 jistabbilixxi li l-Qorti Libjana għandha tordna r-restituzzjoni ta' dawn il-flus.

Illi dwar dan il-mertu l-Avukat Charilos Oikonomopoulos għan-nom tal-konvenuti minnu rappreżentati jgħid li l-defunt Mutassam Gaddafi kien telaq mill-armata fl-1 ta' Ottubru 2005 meta sar konsulent sa meta jidher li rriżenja minn din il-kariga fis-sena 2009. L-Avukat Charilos Oikonomopoulos *nomine* jisħaq li skont Artikolu 5 ta' Liġi Numru 40 tas-sena 1974 (Vol. IV: Dok. "HH 2" – *a fol.* 893 *et seq.*) hija tapplika għal perjodu ta' lieva mandatorju. Dwar *The Purge Law*, l-Avukat Charilos Oikonomopoulos *nomine* jgħid li din hija ta' natura penali u li ma tistax tapplika mingħajr ma jkun hemm deċiżjoni ta' Qorti kompetenti. Ikompli jgħid li din il-liġi ma tikkontemplax rimedju ċivili. Huwa jargumenta b'mod simili fir-rigward ta' Liġi Numru 2 tas-sena 2005.

**Ikkunsidrat**

Illi jkun opportun li f'dan l-istadju l-Qorti tinnota li ħadet konjizzjoni tal-fatt li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu (Vol. VI: *a fol.* 1541 *et seq.*) l-Avukat Charilos Oikonomopoulos *nomine* jagħmel riferenza għal Artikolu 599 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jirrigwarda meta xiehda fuq kliem ħaddieħor hija ammessa. In fatti, il-Qorti tosserva li ħafna mill-affarijiet li qal l-Avukat Charilos Oikonomopoulos fid-diversi depożizzjonijiet mogħtija minnu huwa qalhom għax sar jafhom min nies oħra. Apparti dan, il-Qorti tinnota wkoll li l-kontenut tal-affidavit ta' Lisa Jacqueline van Goinga u l-kontro-eżami tagħha jqanqlu ċertu domandi u osservazzjonijiet lill-Qorti, fosthom:

- Jekk ir-relazzjoni tagħha ma' Mutassam Gaddafi kinitx waħda serja?

- *Stante* li mill-kontro-eżami tagħha rriżulta li kien hemm affarijiet miktuba fl-affidavit li ma kinitx taf x'ifissru, jekk kinitx verament fehmet il-kontenut tal-affidavit tagħha?

- Fuq l-istess nota, Lisa Jacqueline van Goinga tgħid li waqt iċ-ċerimonja tat-tieġ ma kinitx qed tifhem eżattament il-lingwa Għarbija u li ma tafx x'kien fih il-kuntratt li ffirmat waqt l-istess ċerimonja minħabba li kien miktub bil-lingwa Għarbija!

- Għala verament damet diversi snin wara t-twelid ta' binha biex fetħet il-proċeduri ġudizzjarji fl-Olanda sabiex tiġi determinata l-paternita' tiegħu?

Illi l-Qorti, qabel ma' tagħmel aktar konsiderazzjonijiet, tissottolinea li c-ċirkostanzi ta' dan il-każ huma estremament partikolari. Il-Qorti tgħid dan minħabba li tifhem li ż-żminijiet li fihom seħħew ċertu avvenimenti li għandhom impatt fuq dan il-każ kienu żminijiet vjolenti għal-Libja u għall-persuni li għandhom interess f'din il-kawża. Dan it-taqlib irriżulta kemm fl-avvenimenti li wasslu għall-mewt ta' Mutassam Gaddafi kif ukoll għall-fatt li jidher li kien hemm mumenti fejn il-konvenuti sabu diffikulta' jipproduċu x-xhieda tagħhom minħabba ċirkostanzi varji. Saħansitra l-Istat Libjan għadu għaddej minn turbolenzi varji u jirriżulta li mhux dejjem kien faċli għall-attur *nomine* li jippreżenta d-dokumenti mitluba mill-proċess. Tenut kont ta' dan, fl-analiżi tal-provi, il-Qorti ser tfittex provi li jissodisfawha minn dak li ġie ppreżentat u mill-argumenti li ġew imressqa u dana tenut kont taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ odjern. Ovvjament dan ser isir fl-ambitu tal-liġi u f'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Jannar 2005 fil-kawża fl-ismijiet **Iris Dalmas vs. Mons. Joseph Dalmas et** (Numru 523/2002/1) fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet is-segwenti:

> "Hi regola ben assodata illi meta ma tistax issir il-prova solita, u meta jkun hemm ċirkostanzi partikolari u speċjali li jistgħu jispjegaw għaliex ma tistax isir, hu dmir tal-ġudikant li jirricerka provi oħra li jissodisfawh."

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talbiet u tal-eċċezzjonijiet imressqa mill-partijiet, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarreġ iċ-ċirkostanzi li wasslu għal dan il-każ.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li fis-sena 2011 f'Malta ġie ppubblikat Avviż Legali 69 li jġib l-isem ta' "Regolamenti ta' l-2011 dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-Jamaħirija Għarbija Libjana".

Anness ma' dan l-Avviż Legali hemm inkluż ir-Riżoluzzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti li f'Artikolu 18 tagħha hemm ipprovdut is-segwenti:

> *"Expresses its intention to ensure that assets frozen pursuant to paragraph 17 shall at a later stage be made available to and for the benefit of the people of the Libyan Arab Jamahiriya."*

Illi l-Qorti tikkunsidra li r-Riżoluzzjoni ġiet ippubblikata bħala parti mill-Avviż Legali in kwistjoni sabiex it-termini ta' Artikolu 3(4) tal-Kapitolu 365 tal-Liġijiet ta' Malta jiġu osservati. Dan is-sub-Artikolu jimponi fuq il-Ministru għall-Affarijiet Barranin l-obbligu li jippubblika regolamenti neċessarji. Magħdud ma' dan, il-Qorti, filwaqt li tinnota li l-intenzjoni li hemm f'Artikolu 18 tar-Riżoluzzjoni hija llum parti mil-liġi ta' pajjiżna, tagħraf ukoll li fl-Anness II tar-Riżoluzzjoni hemm imniżżla l-ismijiet ta' min għandu jkollu l-assi tiegħu ffriżati u, fost l-oħrajn, hemm l-isem ta' Mutassam Gaddafi.

Illi sussegwentement għal Avviż Legali hawn fuq imsemmi, inħareġ Avviż Legali 116 tas-sena 2011 li jġib l-isem ta' "Regolamenti tal-2011 dwar Sanzjonijiet Ulterjuri tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-Jamahirija Għarbija Libjana". Dan l-Avviż Legali jirriproduċi r-Riżoluzzjoni bin-Numru 1973 (2011) tan-Nazzjonijiet Uniti fejn dwar l-assi ffriżati permezz tar-Riżoluzzjoni preċedenti hemm ipprovdut is-segwenti:

> *"20. Affirms its determination to ensure that assets frozen pursuant to paragraph 17 of resolution 1970 (2011) shall, at a later stage, as soon as possible be made available to and for the benefit of the people of the Libyan Arab Jamahiriya."*

Illi b'hekk isegwi li t-talbiet tal-attur *nomine* iridu jiġu meqjusa fil-kuntest ta' dawn l-Avviżi Legali hawn fuq imsemmija.

Illi l-Qorti sejra issa tistħarreġ l-eċċezzjonijiet preliminari ta' l-Avukat Charilos Oikonomopoulos għan-nom tal-konvenuti minnu rappreżentati u li għad fadal jiġu deċizi u dana *stante* li din il-Qorti diversament preseduta ċaħdet l-ewwel tliet eċċezzjonijiet ta' l-

Avukat Charilos Oikonomopoulos *nomine* permezz ta' sentenza mogħtija fit-23 ta' Ottubru 2017 (Vol. IV: *a fol.* 814 *et seq.*). Bħala eċċezzjonijiet preliminari jonqos li jiġu deċiżi l-aħħar tnejn u ċioé ir-raba' (4) u l-ħames (5) eċċezzjonijiet li jirrigwardaw preskrizzjoni u prova tal-liġi barranija.

**Ikkunsidrat**

**<u>Eċċezzjoni ta' Preskrizzjoni</u>:**

Illi l-Avukat Charilos Oikonomopoulos għan-nom tal-konvenuti minnu rappreżentati jgħid li l-azzjoni tal-attur *nomine* hija preskritta *ai termini* ta' Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-argument huwa msejjes fuq il-fatt li skont hu l-preskrizzjoni trid tiġi determinata abbażi tal-liġi Maltija u mhux skont il-liġi Libjana kif jgħid l-attur *nomine*.

Illi sabiex isostni l-argument tiegħu l-Avukat Charilos Oikonomopoulos *nomine* jagħmel riferenza għal Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali ("Ruma II"). F'dan ir-rigward l-Avukat Charilos Oikonomopoulos *nomine* jgħid li l-kwistjoni li għandha quddiemha din il-Qorti tinkwadra ruħha bħala kwistjoni ta' tort.

Illi dak li trid tistħarreġ din il-Qorti huwa x'liġi trid tapplika għal każ odjern. Il-Qorti tibda billi tqis li ġialadarba is-soċjeta' Capital Resources Limited hija soċjeta' reġistrata f'Malta, il-Qrati Maltin għandhom ġurisdizzjoni fuq dan il-każ abbażi ta' Artikolu 742(1)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u jidher li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar dan il-punt.

Illi da parte tiegħu l-Avukat Charilos Oikonomopoulos *nomine* jgħid li l-liġi applikabbli trid tkun dik Maltija u dana *ai termini* ta' tar-Regolament Ruma II.

Illi l-Qorti tinnota li Regolament Ruma II għandu applikazzjoni universali u ma japplikax biss f'ċirkostanzi ta' sitwazzjonijiet li jistgħu jinħolqu bejn Stati Membri. Dan jidher b'mod ċar mill-Artikolu 3 ta' l-istess Regolament li jaqra hekk:

"Kwalunkwe liġi speċifikata minn dan ir-Regolament għandha tiġi applikata kemm jekk tkun l-liġi ta' Stat Membru kif ukoll jekk ma tkunx."

Illi dan huwa suffragat ukoll minn dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2013 fil-kawża fl-ismijiet **Godwin Xerri noe vs. Zejt Marine Services Limited** (Numru 860/2012), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"Fil-kuntest tal-Qrati Irlandizi, l-awtrici **Liz Hefferrnan** tgħid is-segwenti fuq l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament: *"Turning first to geographical reach, the regulation is of "universal application" which means that it is not limited to tort litigation within the European Union but extends to any proceedings in tort that contain an international element whether European or not. In this sense, the regulation will provide a "one-stop shop" for choice of law in tort which will obviate the need for the Irish courts to operate wholly different regimes for European as opposed to non-European cases.*[5]""

Illi wara li ġie stabbilit dan t'hawn fuq, sabiex il-Qorti tikkunsidra jekk japplikax jew le Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti trid tara jekk għal dan il-każ tapplikax il-liġi Maltija. Illi Artikolu 4 ta' l-imsemmi Regolament Ruma II jistabbilixxi s-segwenti:

"1. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-Regolament, il-liġi applikabbli għal obbligazzjoni mhux kuntrattwali li tirriżulta minn delitt jew kważi-delitt ċivili għandha tkun il-liġi tal-pajjiż fejn iseħħ id-dannu irrispettivament mill-pajjiż fejn seħħ l-avveniment li wassal għad-dannu u irrispettivament mill-pajjiż jew pajjiżi fejn iseħħu l-konsegwenzi indiretti ta' dak l-avveniment.

2. Madankollu, fejn kemm l-persuna allegatament responsabbli kif ukoll il-persuna li ssofri d-dannu ikollhom

[5] Liz Heffernan, *Rome II: Implications for Irish Tort Litigation*, fil-ktieb John Ahern, William Binchy (eds), *The Rome II regulation on the law applicable to non-contractual obligations: a new international litigation regime*, Martinus Nijhoff Publishers, 2009, pp 265-266.

> ir-residenza abitwali tagħhom fl-istess pajjiż fil-mument meta jseħħ id-dannu, il-liġi applikabbli għandha tkun il-liġi ta' dak il-pajjiż.
>
> [...]."

Illi Artikolu 4(1) tar-Regolament Ruma II jistabbilixxi li l-liġi applikabbli għandha tkun il-liġi tal-pajjiż li fih ikun sar id-dannu. Dwar dan il-punt fir-rapport ta' **Karen Birch** dwar *Governing law: Non-Contractual Obligations*[6] ġie spjegat is-segwenti:

> "On the question of where damage occurs, see also *Fortress Value Recovery Fund*, where Flaux J highlighted the fact that Article 4(1) itself and the case law on Article 5(3) of the *2001 Brussels Regulation* (which also considers where damage can be said to have occurred, although for the purposes of establishing which courts have jurisdiction for claims in tort) make it clear that the court is concerned with the law of the place where the direct damage occurred, not of the place where indirect adverse consequences or financial loss were suffered. He referred to the decision of Simon J in *London Helicopters Ltd v Heliportugal LDA-INAC [2006] EWHC 108,* where Simon J summarised the ECJ authority on Article 5(3) in these terms: "The place where damage occurred … is not the place where a claimant simply suffers financial loss. It is necessary to see where the event giving rise to damage produced its 'initial', 'direct', 'immediate' or 'physical' harmful effect." See also *Hillside (New Media) Ltd v Bassland and others [EWHC] 3336 (Comm)."* [emfażi miżjuda]

Illi, meħuda in konsiderazzjoni l-fatti tal-każ odjern, il-Qorti hija tal-fehma li l-effett inizjali, dirett u immedjat tad-dannu huwa l-ksur tal-liġi Libjana u għalhekk bħala konsegwenza il-post fejn seħħ id-dannu huwa l-Libja u konsegwentement għandha tapplika l-liġi Libjana.

[6] Governing Law: Non-Contractual Obligations, Practical Law UK Practice Note 6-382-5703.

Illi ġialadarba l-Qorti stabbilixxiet li l-liġi applikabbli għal każ in eżami hija l-liġi Libjana, b'hekk il-Qorti trid tistħarreġ jekk dan jestendix ukoll għal preskrizzjoni u f'dan ir-rigward issir riferenza għal Artikolu 15(h) tar-Regolament Ruma II li jistabbilixxi s-segwenti:

> "Il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali taħt dan ir-Regolament għandha tirregola b'mod partikolari:
>
> [...]
>
> (h) il-mod li bih tista' tispiċċa obbligazzjoni u r-regoli ta' preskrizzjoni u limitazzjoni, inklużi regoli relatati mal-bidu, ma' l-interruzzjoni u mas-sospensjoni ta' perjodu ta' preskrizzjoni jew limitazzjoni."

Illi fil-fehma tal-Qorti jidher ċar li ġialadarba ġie determinat aktar 'il fuq li l-liġi applikabbli hija l-liġi Libjana daqstant ieħor b'applikazzjoni ta' Artikolu 15(h) ikkwotat hawn fuq, il-liġi applikabbli fil-każ ta' preskrizzjoni għandha tkun il-liġi Libjana u mhux il-liġi Maltija bil-konsegwenza naturali li ma għandux japplika Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi għalhekk il-Qorti ser tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni.

**<u>Eċċezzjoni ta' Prova tal-Liġi Barranija:</u>**
Illi permezz tar-raba' (4) eċċezzjoni l-Avukat Charilos Oikonomopoulos *nomine* jilmenta dwar il-prova tal-liġi barranija. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2020 fl-ismijiet **L-Avukat Dottor Joseph Camilleri noe vs. Pharmacare Premium Limited** (Numru 215/17) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "31. Dawn il-Qrati jispjegaw li *"Tali prova ġeneralment issir tramite "expert witnesses" u hija fiha nnifisha prova ta' fatt."* (ara **App Ċivili fl-ismijiet Direttur tad-Dipartiment għal Standards tal-Ħarsien Soċjali –vs- Josephine Arslan tat-8 ta' Lulju 2008**). Dan huwa konformi mat-tagħlim tal-

ermenewtika Ingliża fejn fost oħrajn jingħad li *"... the foreign law and its application, like any other results of knowledge and experience in matters of which no knowledge is imputed to the Judge, must be proved as facts are proved, by appropriate evidence ..."* (**Nelson v. Bridport, 8 Beav. 527, 536, 50 Eng. Rep. 207, 211, 1845**).

32. Huwa ukoll ta' interess dak li jgħidu l-awturi Ingliżi fuq din il-materja u ċioe': *"The emphasis in England concerning the proof of foreign law has been on the oral testimony of witnesses qualified to speak as experts upon the law in question. It was apparently thought at one time that the proper method of proving foreign written law was by producing a copy of it properly authenticated. The Sussex Peerage case, however, from which the prevailing common law technique for proving foreign law in England originated, established in 1844 that the foreign law should be proved by the testimony of an expert witness and not by producing merely a copy of a statute or legislative text …… the foreign law and its application, like any other results of knowledge and experience in matters of which no knowledge is imputed to the Judge, must be proved as facts are proved, by appropriate evidence, hence the rule that foreign law must be proved as a fact" (**Cornell Law review; Vol 28 Issue 2 Winter 1953. Paper entitled Expert Witness and the proof of Common Law. Author Otto C. Sommedrich**)."*

Illi, fir-rigward tal-kawża odjerna, il-Qorti hija tal-fehma li l-attur *nomine* pprova jressaq din il-prova permezz ta' tliet xhieda: Hussein Hamadin (Vol. IV: *a fol.* 870 *et seq.*), Hussein Muftah (Vol. V: *a fol.* 1111 *et seq.*), u Mohamed Mustafa Sadri (Vol. V: *a fol.* 1130 *et seq.*). Mid-depożizzjoni mogħtija minn Hussein Hamadin u Hussein Muftah (it-tnejn avukati fid-Dipartiment tal-Litigazzjoni tal-Gvern Libjan) jirriżulta li l-liġijiet li ġew ippreżentati huma liġijiet li huma fis-seħħ preżentement. Dan ma ġie kontradett minn ħadd mill-konvenuti f'din il-kawża. Apparti dan, il-Qorti tinnota li fid-depożizzjoni mogħtija minn Mohamed Mustafa Sadri ngħataw ċertu spjegazzjonijiet rigwardanti l-militar fil-Libja għal dak li tikkonsisti l-leva obbligatorja.

Illi l-Qorti kkunsidrat ukoll u wieżnet fil-keffa tal-miżien id-dikjarazzjonijiet li hemm in atti maħruġa mill-Ministeru tad-Difiża Libjan dwar l-obbligi militari hekk kif imfissra fil-Liġi Numru 40 tas-sena 1974 (Vol. IV: *a fol.* 1002 *et seq.*) fejn, fost l-oħrajn, hemm miktub hekk:

> *"With regards to the eligibility of the said person to carry out any commercial (business) activities, article 54 of the laws that concern the Military work No. 40 of the year 1974 prohibits specifically members of the military, even through mediation, from engaging in commercial activities, a copy of the article is here being attached".*

Illi għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li l-attur *nomine* ta prova tal-liġi barranija ġialadarba x-xhieda għandhom kemm il-kwalifiki kif ukoll l-esperjenza neċessarja hekk kif jipprovdi Artikolu 563B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk isegwi li l-eċċezzjoni in eżami ser tiġi miċħuda wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-talbiet tal-attur *nomine.*

**<u>L-Ewwel (1) Talba</u>**
**<u>(Dikjarazzjoni li l-assi ta' Mutassam Gaddafi li jinsabu f'Malta huma miżmuma bi ksur tal-obbligazzjonijiet imposti fuq l-istess Mutassam Gaddafi mil-liġijiet tal-Istat tal-Libja u sabiex dawn l-assi jkunu soġġetti għar-restituzzjoni lill-Istat Libjan)</u>:**
Illi l-attur *nomine* jilmenta li bl-aġir tiegħu d-defunt Mutassam Gaddafi kiser numru ta' liġijiet Libjani u konsegwentement b'applikazzjoni tal-istess liġijiet l-assi li kiseb bi ksur ta' dawn il-liġijiet għandhom jingħataw lura lill-Istat Libjan.

Illi dwar l-applikazzjoni tal-liġijiet Libjani, a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ngħad fir-rigward tal-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-Avukat Charilos Oikonomopoulos għan-nom tar-rappreżentanti tiegħu.

Illi, kif diġa ngħad aktar 'il fuq, l-attur *nomine* jilmenta li ġew miksura numru ta' liġijiet li ġew elenkati. Il-Qorti ser tistħarreġ dawn il-liġijiet waħda waħda u ser tara jekk japplikawx għal każ odjern.

L-applikazzjoni ta' Liġi Numru 40 tas-sena 1974
(Vol. IV: Dok. "HH 2" – *a fol.* 893 *et seq.*):
Illi dwar l-applikazzjoni ta' Liġi Numru 40 tas-sena 1974 (*On Service in the Armed Forces*) l-attur *nomine* jirreferi għal Artikolu 54 tal-istess liġi li jaqra hekk:

*"Soldiers shall be prohibited from committing any of the following acts, whether personally or through an intermediary:*

*1. Practice commercial business of any sort or have an interest in any contracting, supply, or tender business related to the soldier's work.*

*2. Practice or rent for investment purposes any real estate properties or movable put for sale or rent by administrative or judicial authorities in the location of the soldier's duty station if such is related to his work.*

*3. Co-found any company or accept any position therein unless assigned by the government.*

*4. Use an intermediary in any matter related to his work or act as an intermediary for any person in matters that do not fall under his specialty.*

*5. Assume beside his job any other job with or without compensation without the written authorization of the General Commander of the Armed Forces.*

*In addition to the aforementioned prohibitions, soldiers shall be subject to the same prohibitions applicable to civil servants. Exceptions thereof are custodianship, guardianship, or judicial assistance if the person subject of custody or guardianship, the absentee, or the person who is assigned a judicial assistant is*

> *related to the soldier by kinship up to the fourth degree; in addition to custody of properties if the soldier or any of his relatives or in-laws up to the fourth degree is a partner or has an interest therein".*[7]

Illi da parte tiegħu l-Avukat Charilos Oikonomopoulos *nomine* jispjega li bl-applikazzjoni ta' Artikolu 5 ta' l-istess liġi huwa speċifikat li hija tapplika biss għas-servizz militari mandatorju. Artikolu 5 tal-liġi in eżami taqra hekk:

> *"Service in the Armed Forces shall be voluntary or compulsory in accordance with the law. The provisions of this law shall only be applicable to compulsory military service to the extent consistent with the nature or regulating rules thereof."*[8]

Illi l-Qorti hija tal-fehma li dan l-artikolu jagħmilha ċara li l-liġi in kwistjoni hija applikabbli għal suldati Libjani li qed jagħmlu servizz militari mandatorju u dana sa fejn dan jaqbel man-natura tar-regoli li jirregolaw is-servizz militari. Il-Qorti ma ġietx edotta dwar ċirkostanzi li jistgħu jikkwalifikaw għal din l-aħħar parti u lanqas ma sabet fil-liġijiet ippreżentati tali ċirkostanza jew ċirkostanzi. B'hekk il-Qorti tqis li din l-aħħar parti mhux applikabbli għal każ odjern u konsegwentement l-interpretazzjoni fil-każ odjern hija li, bl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu din il-liġi tapplika għas-servizz militari mandatorju.

Illi, dwar it-terminu mandatorju tas-servizz militari, mit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni mogħtija minn Mohamed Mustafa Sadri (il-konsulent mal-Ministeru tad-Difiża u fil-Bord Ġenerali tal-Ġustizzja Militari) jirriżulta s-segwenti:

> "Xhud: *There was on that time, there was three different thing. First [...] obligation you have with age every male he has to do a period of time working in the militar. It was one (1) year. Then they changed it into two (2) years. Allright? And now the last years*

---

[7] Vol. IV: *a fol.* 905 *et seq.*.

[8] Vol. IV: *a fol.* 896.

*finished. The last years of, on the two thousand it's finished. Then there's the college.*

Qorti: *When was it finished? Two thousand and?*

Xhud: *Two thousand. Bidu tat-two thousand?*

Qorti: *Year two thousand.*

Xhud: *No, two thousand one, two. Something like that.*

Qorti: *So when Motassim Gadaffi was still alive, it was this Military Compulsory Services was?*

Xhud: *Yes was stopped. Then there is the College and the College you can go if you want. Study there three (3) years. Then you can graduate with a level like when you graduate from the University and you serve as a Military member.*

Qorti: *But that is voluntary? It's not compulsory.*

Xhud: *No no. It's voluntary yeah and the Secondary School of Military as well. It was lower than the College and it's the same, voluntary. And he graduate from the Medical College in Tripoli, the ... College. Then he followed that in the College, in the Military College. He start as a Civilian. He study."*[9]

Illi l-karriera ta' Mutassam Gaddafi kienet itwal minn sentejn u konsegwentement hu ma kienx għadu taħt iż-żmien tal-lieva mandatorja. Dan jingħad minħabba li jirriżulta li Mutassam Gadaffi ngħaqad mal-armata Libjana fit-30 ta' Awwissu 1998 (Vol. V: *a fol.* 1159) u tenut kont li mid-depożizzjoni mogħtija minn Joseph Sammut fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2018 (Vol. IV: *a fol.* 854 *et seq.*) jingħad li s-soċjeta' Mezen International Limited (li l-assi tagħha eventwalment għaddew lis-soċjeta' Capital Resources

[9] Vol. V: *a fol.* 1136 *et seq.*.

Limited) infetħet fis-sena 2003/2004, dan ifisser li meta din is-soċjeta' infetħet Mutassam Gaddafi ma kienx għadu taħt il-lieva mandatorja. Konsegwentement, il-Qorti tqis li f'dan il-każ il-liġi in eżami m'hijiex applikabbli.

Illi dwar l-argumenti relatati mal-fatt jekk Mutassam Gaddafi kienx għadu parti mill-armata, il-Qorti taqbel ma' dak li ngħad mill-attur *nomine* fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu (Vol. VI: *a fol.* 1505 *et seq.*) meta ġie sottomess li minkejja li l-Avukat Charilos Oikonomopoulos *nomine* jallega li d-defunt Mutassam Gadaffi ma kienx jifforma parti mill-armata ta' l-Istat tal-Libja, ma kienu tressqu l-ebda provi in sostenn ta' tali allegazzjoni ħlief għad-depożizzjoni mogħtija mill-istess Avukat Charilos Oikonomopoulos, liema depożizzjoni m'hijiex korroborata bi provi fattwali jew dokumentarji u li tista' titqies li hija xiehda mogħtija minnu abbażi ta' dak li ntqal lilu minn terzi.

Illi l-Qorti m'għandhiex dubju li Mutassam Gadaffi kien għadu parti mill-armata. Ma jistax ikun mod ieħor meta jirriżulta li fis-sena 2009 l-imsemmi Mutassam Gaddafi ngħata l-promozzjoni għal kariga ta' Brigadier Ġenerali (Vol. IV: *a fol.* 987) u li miċ-ċertifikati ippreżentati jidher li huwa miet waqt li kien qed imexxi dak li kien fadal mill-armata Libjana kontra r-ribelli.

Illi, fir-rigward ta' l-argument marbut maż-żwieġ ta' Mutassam Gadaffi, il-Qorti hija tal-fehma li dan l-argument huwa kemmxejn inutli. Jibda billi jingħad illi fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ġewwa l-Olanda (Vol. V: *a fol.* 1428 *et seq.*) jingħad hekk:

> *"3.10 Considering the foregoing, this Court finds that it has been sufficiently demonstrated – despite the fact that there is no marriage certificate issued by a competent authority – that the Mother and the Man were married, under Libyan Law."* [emfażi miżjuda]

Apparti dan, jekk iż-żwieġ bejn Lisa Jacqueline van Goinga u Mutassam Gaddafi verament seħħ, dan seħħ fl-aħħar ta' ħajtu u allura ma għandu l-ebda piż fuq l-argumenti mressqa mill-attur *nomine* ġialadarba l-flus li qala' Mutassam Gaddafi huwa

qalagħhom ferm qabel dak iż-żmien. Mid-depożizzjoni mogħtija minn Lisa Jacqueline van Goinga, il-Qorti tara li kien kemmxejn diffiċli li Mutassam Gaddafi jaqla' l-flus la kien qiegħed jiġġieled kontra r-rivoluzzjoni. Lanqas huwa ta' fejda l-punt li xi flejjes ġejjin mill-għarqa tad-dgħajsa ġialadarba jekk id-dgħajsa nxtrat bi flejjes ta' oriġini suspettata, il-flus tal-assigurazzjoni xorta jkunu mħammġa b'tali oriġini.

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, minħabba li Liġi Numru 40 tas-sena 1974 tapplika għal lieva mandatorja u rriżulta li l-involviment ta' Mutassam Gaddafi fl-armata Libjana ma kienx għadu fil-fażi mandatorja, b'hekk din il-liġi mhux applikabbli għall-każ odjern. Għalhekk it-talbiet tal-attur *nomine* ser jiġu miċħuda sa fejn huma msejsa fuq din il-liġi.

<u>L-applikazzjoni ta' Liġi Numru 10 tas-sena 2002 (*The Purge Law*) (Vol. IV: Dok. "HH 3" – *a fol.* 917 *et seq.*)</u>

Illi l-attur *nomine* jargumenta li bi tħaddim ta' Artikolu 1 ta' din il-liġi, il-liġi in eżami tapplika għal membri tal-forzi armati b'konsegwenza li jekk dawn jaqilgħu flejjes jew *commissions* li ġew ġġenerati *tramite* attivita' ekonimika li hija projbita, dan jitqies bħala serq jew gwadan illeċitu.

L-Avukat Charilos Oikonomopoulos għan-nom tal-konvenuti minnu rappreżentati jargumenta li ma jistax ikun li din il-Qorti tordna r-restituzzjoni tal-assi ta' Mutassam Gaddafi ġialadarba din hija kompetenza esklussiva tal-*People's Court* Libjana. L-Avukat Charilos Oikonomopoulos *nomine* jilmenta wkoll li l-liġi in eżami hija liġi ta' natura penali u sabiex ikun hemm azzjoni għar-restituzzjoni tal-flus din trid tkun skont il-proċess kontemplat f'din l-istess liġi.

Illli, dwar l-argumenti mressqa minn l-Avukat Charilos Oikonomopoulos *nomine*, il-Qorti hija tal-fehma li ġialadarba ġie determinat li hija din il-Qorti li għandha kompetenza tisma' dan il-każ u ġialadarba ġie determinat li l-liġi applikabbli hija dik Libjana, allura jinkombi fuq din il-Qorti l-piż gravuż li tapplika l-liġi Libjana bl-aħjar mod possibbli. Dan ifisser li f'każ li mill-atti u miċ-ċirkostanzi estremament speċjali ta' dan il każ ser jirriżulta li hemm

elementi li jwasslu għar-restituzzjoni tal-assi tad-defunt Mutassam Gaddafi lill-Istat Libjan, hija din il-Qorti li trid tagħti din l-ordni.

Illi l-Qorti ma' taqbilx ma' dak li jisħaq l-Avukat Charilos Oikonomopoulos *nomine* li din il-*Purge Law* ma tikkontemplax proċess ċivili. Senjatament, Artikolu 12 tal-liġi in eżami jitkellem fuq il-parti ċivili tal-proċess u konsegwentement fuq dan il-punt l-attur *nomine* għandu raġun.

Illi stabbilit dan, il-Qorti sejra issa tistħarreġ dak li jgħid Artikolu 6 tal-liġi in kwistjoni, liema artikolu jistabbilixxi s-segwenti:

> *"Money or commission shall be deemed stealing or illicitly gained, if it is obtained by any of the aforementioned entities that are the subject to the provisions of this law, WHETHER for himself of someone else, by means of abusing his position or misusing his authority or BY nepotism or threat or influence whether directly or indirectly, or IF the gain is generated through currency trading in the basic commodities OR other economic activities legally prohibited.*
>
> *<u>Any growth in the financial disclosure after gaining office or status shall be deemed stealing and illicit gain when the said growth is not commensurate with any of the aforementioned entity's sources</u> or those of his wife or his minor children and For WHICH he is unable to prove lawful source OF the said growth.*
>
> *Any money or material advantage shall be deemed stealing or illicit gain when it is obtained by a person through his involvement or complicity with any of the entities under the aforementioned provisions of the hereof law."*[10] [emfażi miżjuda]

Illi, fl-analiżi ta' dan l-artikolu, il-Qorti tinnota li fis-sena 2009 Mutassam Gaddafi ngħata l-promozzjoni għal kariga ta' Brigadier Ġenerali (Vol. IV: *a fol* 987) jiġifieri sa dan il-mument huwa kien żgur suldat. Il-Qorti tgħid dan minħabba li, kieku ma kienx hekk, ma jagħmilx sens li Mutassam Gaddafi jingħata promozzjoni

[10] Vol. IV: *a fol.* 919.

militari wara li kien ġie trasferit fis-sena 2005 sabiex iwettaq ix-xogħol ta' *National Security Adviser*. Dan iwassal lill-Qorti tikkonkludi li minkejja kollox Mutassam Gaddafi kien u baqa' fl-armata sal-aħħar mument!

Illi minn Dok. "MMAF 2" jirriżulta li: *"the last salary he received was in September 2005 in the amount of 356.000 three hundred fifty-six Libyan dinars according to the last report issued by the Libyan Army annexed to this letter"* (Vol. IV - *a fol.* 1000). Minn premessa numru tmienja (8) fir-Rikors Maħluf jingħad li l-paga ta' Mutassam Gadaffi sas-sena 2011 kienet ta' 64,800 dinari Libjani kull sena li huma ekwivalenti għal €37,500. Dan ma jirriżultax li ġie merut b'xi mod.

Illi minn analiżi tal-i*statements* tal-bank tas-soċjeta' Mezen International Limited li jirriżultaw fl-atti proċesswali, jirriżulta dħul konsiderevoli matul is-snin minn kumpanniji differenti tant li l-bilanċ li hemm fil-kont tal-Bank of Valletta huwa bilanċ li huwa miljunarju. Jidher ukoll li hemm probabilita' kbira li wħud mit-tranżazzjonijiet huma relatati ma' kummissjonijiet. Dak li huwa ċar iżda hu li jekk wieħed jikkunsidra l-assi tas-soċjeta' Mezen International Limited qajla wieħed jista' jirrikonċilja dawn l-assi mal-paga dikjarata li kellu d-defunt Mutassam Gaddafi u dana minkejja li jingħad li l-imsemmi Gaddafi kien imexxi negozju, fuq liema negozju ma nġiebet l-ebda prova konkreta!

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq u kif ukoll il-fatt li l-assi tas-soċjeta' Mezen International Limited ġew trasferiti lis-soċjeta' Capital Resources Limited (li l-uniku sid u direttur tagħha huwa Mutassam Gaddafi[11]), jirriżulta li l-fondi tas-soċjeta' Capital Resources Limited huma wkoll imċappsin bl-istess aġir u għalhekk il-Qorti ser tqis li l-mod kif ġew ġenerati l-assi ta' Capital Resources Limited huwa bi ksur ta' Artikolu 6 tal-liġi in eżami. Lanqas ma ġie ppruvat mill-konvenuti li dawn l-assi ġew rappurtati hekk kif jitlob Artikolu 4 tal-istess liġi in kwistjoni. Tenut kont ta' dan kollu, b'applikazzjoni ta' Artikolu 15 ta' Liġi Numru 10 tas-sena 2002, il-Qorti ser tordna li dawn l-assi jiġu

[11] Dok. "AP 1" (Vol. III – *a fol.* 453 *et seq.*).

ritornati lill-Istat Libjan. Għalhekk it-talba tal-attur *nomine* ser tintlaqa' sa fejn hija msejsa fuq din il-liġi.

L-applikazzjoni ta' Liġi Numru 3 tas-sena 1986
(Vol. IV: Dok. "HH 6" – *a fol.* 967 *et seq.*):
Illi dwar Liġi Numru 3 tas-sena 1986 (*From Where Have You Got This?*), il-Qorti tirreferi għal Artikolu 1 li jistabbilixxi is-segwenti:

> *"No person may illicitly gain money, benefit or advantage of material or moral kind. Gain shall be considered illicit if it is generated from favoritism or threat or violation of law or abuse of occupation or profession or status or influence or it is of unknown sources or cause or is not commensurate with the person's legitimate resources."*[12] [emfażi miżjuda]

Illi, a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti tagħmel riferenza għall-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-liġi preċedenti u tapplikahom ukoll għal-liġi in eżami b'dana illi b'applikazzjoni ta' Artikolu 6 tal-istess liġi, l-Istat Libjan għandu d-dritt għar-restituzzjoni tal-assi in kwistjoni minħabba li ma ġiex ippruvat li ġew minn riżorsi leġittimi tad-defunt Mutassam Gaddafi.

Illi għalhekk sa fejn it-talba tal-attur *nomine* hija msejsa fuq din il-liġi, din ser tintlaqa' ukoll.

L-applikazzjoni ta' Liġi Numru 2 tas-sena 2005
(Vol. IV: Dok. "HH 4" - *a fol.* 949 *et seq.*):
Illi dwar Liġi Numru 2 tas-sena 2005 (*Combating Money Laundering*), il-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għal Artikolu 2 li jgħid hekk:

> *"1. Anyone who perpetrates any of the following acts shall be considered to have committed a crime of money laundering.*
>
> *a. Possessing, owning, using, exploiting, disposing of in any manner, transferring, transporting, depositing, or*

[12] Vol. IV: *a fol.* 967.

*concealing illegal property in order to disguise its unlawful source.*

b. *Disguising the true nature of illegal property, concealing its location method of disposal or movement, rights related to it or its ownership or possession.*

c. *Participating in the above acts in any manner whatsoever.*

*2. Property shall be considered illegal if it was obtained from a crime, including the crimes described in the International Agreement to Combat Organized Crime and the Protocol attached thereto, the International Agreement to Combat Corruption, or other international agreements to which Libja is a party."*[13]

Illi dwar l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu, il-Qorti ser tadotta linja kemmxejn differenti minn dik adottata fil-liġi preċedenti u dana minħabba li hija tal-fehma li ma ġiex ippruvat li bl-aġir tiegħu Mutassam Gaddafi kien qed jipprova jaħbi l-assi tiegħu. Il-fatt waħdu li nfetħet soċjeta' hawn Malta żgur ma jistax jitqies bħala mezz ta' kif wieħed jaġixxi sabiex jaħbi l-assi tiegħu speċjalment meta l-ishma tas-soċjeta' Capital Resources Limited kienu f'ismu stess. Mill-atti proċesswali lanqas jirriżulta li s-soċjeta' Mezen International Limited kienet f'isem xi ħadd ieħor pero', għal kull buon fini, il-Qorti tinnota li l-*Memorandum and Articles* tas-soċjeta' Mezen International Limited ma ġewx eżebiti fl-istess atti.

Illi għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-attur *nomine* ma rnexxilux jipprova b'mod sodisfaċenti li kien hemm ċirkostanzi li jikkwalifikaw bħala *money laundering* hekk kif imfissra fil-liġi in kwistjoni u għalhekk il-Qorti ser tiċħad it-talba tal-attur *nomine* sa fejn din hija msejsa fuq il-liġi in eżami.

[13] Vol. IV: *a fol.* 949 *et seq.*.

Liġijiet oħra:
Illi apparti l-liġijiet hawn fuq imsemmija, il-Qorti tinnota li fl-atti proċesswali ġew ippreżentati wkoll liġijiet oħra. Dawn huma s-segwenti:

- Liġi Numru 2 tas-sena 1979 (*Economic Crime Law*);[14] u
- Liġi Numru 22 tas-sena 1985 (*On Combating Abuse By Anyone With A Public Servant Position*).[15]

Illi l-Qorti mhux ser tinvesti wisq dettall fuq dawn iż-żewġ liġijiet hawn fuq imsemmija u dana *stante* li l-attur *nomine* ma ressaq l-ebda argument jew talba fir-rigward tagħhom u kif ukoll meħud in konsiderazzjoni dak li l-Qorti rriżultalha fir-rigward tal-liġijiet l-oħra li diġa saru konsiderazzjonijiet dwarhom aktar 'il fuq. Fir-rigward ta' Liġi Numru 2 tas-sena 1979 din tapplika għal uffiċjali pubbliċi (*civil servants*) u *stante* li Mutassam Gaddafi kien fl-armata għalhekk din il-liġi jista' jkun ma tapplikax. L-istess jidher li jgħodd għal Liġi Numru 22 tas-sena 1985 li anqas tikkontempla restituzzjoni ta' dak li ġie riċevut illegalment u konsegwentement mhux applikabbli fil-kuntest tat-talba tal-attur *nomine*. Għaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li dawn l-aħħar żewġ liġijiet imsemmija m'humiex applikabbli għall-każ odjern.

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-ewwel (1) talba tal-attur *nomine*, il-Qorti ser tilqa' din l-ewwel (1) talba u dana fir-rigward tal-kontijiet bankarji tas-soċjeta' Capital Resources Limited imsemmija fid-depożizzjoni mogħtija fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2016 minn Johanna Bartolo (in rappreżentanza tal-Bank of Valletta) u dana għar-raġunijiet hawn fuq premessi.

**It-Tieni (2), it-Tielet (3), u r-Raba' (4) Talba**
**(Ordni ta' Restituzzjoni)**
**(Ordni ta' Trasferiment ta' Ishma)**
**(Nomina ta' Kuratur)**

[14] Vol. IV: *a fol.* 875 *et seq.*.
[15] Vol. IV: *a fol.* 965 *et seq.*.

Illi, tenut kont tal-fatt li l-ewwel (1) talba hekk kif kontenuta fir-Rikors Maħluf ser tintlaqa' kif hawn fuq imsemmi u meħud in konsiderazzjoni dak li qed jintalab fit-tliet talbiet l-oħra, il-Qorti ser tilqa' wkoll dawn it-tliet talbiet l-oħra.

Illi, għal kull buon fini, fir-rigward tat-tieni (2) talba u dana tenut kont tas-sanzjonijiet fil-konfront tal-Libja, il-Qorti tagħmilha ċara li r-restituzzjoni lill-Istat tal-Libja tal-assi msemmija li kienu miżmuma minn Mutassam Gaddafi f'ismu jew f'isem terzi u li jinsabu f'Malta għandha ssir **BISS** ladarba jkun assigurat li l-Istat Malti ma jkunx qed jikser l-ebda obbligazzjoni internazzjonali tan-Nazzjonijiet Uniti jew kwalunkwe obbligazzjoni oħra tal-Unjoni Ewropea.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti,

filwaqt li tinnota li b'sentenza mogħtija fit-23 ta' Ottubru 2017 din il-Qorti diversament preseduta ċaħdet l-ewwel tliet eċċezzjonijiet ta' l-Avukat Charilos Oikonomopoulos *nomine*

taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tiċħad ir-raba' (4) u l-ħames (5) eċċezzjoni ta' l-Avukat Charilos Oikonomopoulos *nomine* u tiċħad ukoll l-eċċezzjonijiet l-oħra tiegħu li kienu għadhom mhux deċiżi u dana sa fejn kompatibbli ma' din is-sentenza;

2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati l-Avukat Simon Micallef Stafrace u l-P.L. Peter Paul Sammut;

3. Tilqa' t-talbiet kollha tal-attur *nomine* hekk kif mitluba fir-Rikors Maħluf u tordna r-restituzzjoni tal-assi miżmuma f'isem Mutassam Gadaffi jew f'isem terzi u li jinsabu f'Malta lill-Istat tal-Libja, b'dana illi:

    - fir-rigward tat-tielet (3) talba, il-Qorti tinnomina lis-*Certified Public Accountant* Stephen Balzan sabiex jieħu l-

miżuri kollha neċessarji sabiex jitwettaq dak ordnat f'din is-sentenza, u

- fir-rigward tar-raba' (4) talba, il-Qorti tinnomina lill-Avukat Dr. Mark Anthony Mifsud Cutajar sabiex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi u jidher fuq kwalsiasi ftehim rilevanti, dokumentazzjoni uffiċjali u/jew formoli uffiċjali biex jirrapreżenta kwalsiasi parti li tista' tkun assenti kull fejn jirrigwarda materji relatati mat-trasferiment tal-ishma tas-soċjeta' konvenuta Capital Resources Limited.

Bl-imgħax skont il-liġi jitħallas minn l-Avukat Charilos Oikonomopoulos *nomine* u bl-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri, inkluż dawk relatati mas-sentenza preliminari mogħtija fit-23 ta' Ottubru 2017, jitħallsu minn l-Avukat Charilos Oikonomopoulos *nomine* b'dan li l-ispejjeż tal-Kuraturi Deputati Dr. Simon Micallef Stafrace u l-P.L. Peter Paul Sammut u kif ukoll tas-*Certified Public Accountant* Stephen Balzan u ta' l-Avukat Dr. Mark Anthony Mifsud Cutajar kif hawn fuq nominati għandhom jitħallsu provviżorjament mill-attur *nomine*.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**